ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 295

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

6 ta' Novembru 2013

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 1051/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 sabiex jipprovdi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali** ................ 1

★ **Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur)** .......................... 11

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen** .............................. 27

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 1051/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Ottubru 2013**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 sabiex jipprovdi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(1) u (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [1],

Billi:

(1) Il-ħolqien ta' żona li fiha l-moviment liberu tal-persuni bejn il-fruntieri interni huwa żgurat huwa waħda mill-kisbiet ewlenin tal-Unjoni. F'żona mingħajr kontrolli tal-fruntieri interni, jeħtieġ li jkun hemm rispons komuni għal sitwazzjonijiet li jaffettwaw b'mod serju l-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna ta' dik iż-żona, jew ta' partijiet minnha, jew ta' wieħed jew aktar Stati Membri billi jippermetti l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali, mingħajr ma jipperikola l-prinċipju tal-moviment liberu tal-persuni. Minħabba l-impatt li tali miżuri bħala l-aħħar soluzzjoni jista' jkollhom fuq il-persuni kollha li għandhom id-dritt li jiċċaqilqu fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' tali miżuri għandhom ikunu stabbiliti, sabiex jiġi assigurat huma eċċezzjonali u li l-prinċipju tal-proporzjonalità ikun rispettat. L-ambitu u t-tul taż-żmien ta' kwalunkwe introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' tali miżuri għandhom ikunu ristretti għall-minimu indispensabbli meħtieġ sabiex tkun indirizzata t-theddida serja għall-ordni pubbliku jew is-sigurta' interna.

(2) Moviment liberu ta' persuni fi ħdan iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni huwa kisba ewlenija tal-Unjoni. Billi moviment liberu ta' persuni huwa affettwat mill-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri interni, kull deċiżjoni biex jiġi introdott mill-ġdid tali kontroll għandha tittieħed f'konformità mal-kriterji maqbula komunement u għandha tiġi nnotifikata debitament lill-Kummissjoni jew tkun rakkomandata minn istituzzjoni tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri interni għandha tibqa' tkun eċċezzjoni u għandha ssir bħala l-aħħar soluzzjoni, għal skop u perijodu ta' żmien strettament limitati, ibbażata fuq kriterji oġġettivi speċifiċi u fuq valutazzjoni tan-neċessità tagħha li għandha tkun mgħassa fil-livell tal-Unjoni. Fejn theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tirrikjedi azzjoni immedjata, Stat Membru għandu jkun jista' jintroduċi mill-ġdid il-kontrolli tal-fruntieri interni għal perijodu li ma jaqbiżx l-għaxart ijiem. Kull estensjoni ta' dak il-perijodu teħtieġ li tkun issorveljata fil-livell tal-Unjoni.

(3) In-neċessità u l-proporzjonalità tal-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli tal-fruntieri interni għandhom jiġu bilanċjati kontra t-theddida għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna li tagħti lok għall-ħtieġa ta' tali introduzzjoni mill-ġdid, kif ukoll għandu jsir għal miżuri alternattivi li jistgħu jittieħdu f'livell nazzjonali jew fil-livell tal-Unjoni, jew fit-tnejn, u l-impatt ta' tali kontroll fuq il-moviment liberu ta' persuni fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

(4) L-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri interni tista' eċċezzjonalment tkun neċessarja fil-każ ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fil-livell taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jew fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari wara inċidenti jew theddidiet terroristiċi, jew minħabba theddidiet li jirriżultaw mill-kriminalità organizzata.

[1] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2013 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta'Ottubru 2013.

(5) Il-migrazzjoni u l-qsim ta' fruntieri esterni minn numru kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ma għandux, bħala tali, jitqies bħala theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna.

(6) Skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, deroga mill-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu tal-persuni għandha tiġi interpretata b'mod strett u l-kunċett ta' ordni pubbliku jippresupponi l-eżistenza ta' theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed li taffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà.

(7) Abbażi tal-esperjenza miksuba fir-rigward tal-funzjonament taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u sabiex tgħin li tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tal-acquis ta' Schengen, il-Kummissjoni tista' tfassal linji gwida dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri interni, f'każijiet li jirrikjedu tali miżura fuq bażi temporanja kif ukoll f'każijiet li fihom jeħtieġ li tittieħed azzjoni immedjata. Dawk il-linji gwida għandhom jipprovdu indikaturi ċari biex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni taċ-ċirkostanzi li jistgħu jikkostitwixxu theddidiet serji għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna.

(8) Fejn f'rapport ta' evalwazzjoni imfassal f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen ([1]) jiġu identifikati nuqqasijiet serji fl-eżekuzzjoni ta' kontrolli fil-fruntieri esterni, u sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rakkomandazzjonijiet adottati f'konformità ma' dak ir-Regolament, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tirrakkomanda li l-Istat Membru evalwat jieħu ċerti miżuri speċifiċi bħall-iskjerament ta' timijiet tal-għassa tal-fruntieri Ewropej, il-preżentazzjoni ta' pjanijiet strateġiċi jew, bħala l-aħħar soluzzjoni u b'kont meħud tal-gravità tas-sitwazzjoni, l-għeluq ta' punt speċifiku ta' qsim tal-fruntiera. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]). Fid-dawl tat-termini tal-Artikolu 2(2)(b)(iii) ta' dak ir-Regolament, tkun applikabbli l-proċedura ta' eżami.

(9) L-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli f'ċerti fruntieri interni taħt proċedura speċifika fil-livell tal-Unjoni tista' tkun ġustifikata fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u bħala miżura ta' l-aħħar soluzzjoni fejn il-funzjonament ġenerali taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jitqiegħed f'riskju kawża ta' nuqqasijiet serji persistenti relatati mal-kontrolli tal-fruntieri esterni identifikati fil-kuntest ta' proċess rigoruż ta' evalwazzjoni f'konformità mal-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, fejn dawk iċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu theddida serja għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna f'dik iż-żona jew f'partijiet minnha. Tali proċedura speċifika għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli f'ċerti fruntieri interni tista' ssir applikabbli wkoll, taħt l-istess kondizzjonijiet, bħala riżultat tan-nuqqas serju tal-Istat Membru evalwat milli jissodisfa l-obbligi tiegħu. Minħabba n-natura politikament sensittiva tal-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli f'ċerti fruntieri interni, li għandhom effett fuq is-setgħat eżekuttivi u ta' infurzar nazzjonali fir-rigward tal-kontroll tal-fruntieri interni, għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni, biex jiġu adottati rakkomandazzjonijiet taħt dik il-proċedura speċifika fil-livell tal-Unjoni, lill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

(10) Qabel ma tiġi adottata xi rakkomandazzjoni għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli ta' ċerti fruntieri interni, għandha tiġi esplorata b'mod sħiħ u f'waqtu l-possibbiltà li wieħed jirrikorri għal miżuri mmirati biex jindirizzaw is-sitwazzjoni, inkluża għajnuna mill-korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni (Frontex), stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 ([3]) jew l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI ([4]) u miżuri ta' appoġġ tekniku jew finanzjarju fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-Unjoni jew it-tnejn. Fejn jiġi identifikat nuqqas serju, il-Kummissjoni tista' tipprovdi miżuri ta' appoġġ finanzjarju biex tgħin lill-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, kull rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni sostanzjata.

(11) Il-Kummissjoni għandha jkollha l-possibbiltà li tadotta atti implimentattivi li jkunu immedjatament applikabbli fejn, f'każijiet debitament ġustifikati marbuta mal-ħtieġa tal-estensjoni ta' kontrolli tal-fruntieri interni, dan ikun meħtieġ minn raġunijiet imperattivi ta' urġenza.

(12) Ir-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament Nru 1053/2013 għandhom jiffurmaw il-bażi li tagħti lok għall-applikazzjoni tal-miżuri speċifiċi fil-każ ta' nuqqasijiet serji relatati mal-kontrolli fil-fruntieri esterni u l-proċedura speċifika f'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona mingħajr

([1]) Ara paġna 27 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1; ĠU L 153M, 7.6.2006, p. 136 (MT) ).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37).

kontrolli fil-fruntieri interni f'riskju previst f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri u l-Kummissjoni b'mod konġunt jagħmlu evalwazzjonijiet regolari, oġġettivi u imparzjali sabiex jivverifikaw l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament u l-Kummissjoni tikkoordina l-evalutazzjonijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni jikkonsisti fl-elementi li ġejjin: programmi pluriennali u annwali ta' evalwazzjoni, visiti fuq il-post imħabbra u għal għarrieda li jsiru minn grupp żgħir ta' rappreżentanti tal-Kummissjoni u esperti nominati mill-Istati Membri, rapporti dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni adottata mill-Kummissjoni u r-rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju adottati mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, azzjonijiet ta' segwitu, monitoraġġ u rappurtar adatti.

(13) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu pprovduti regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli tal-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjeta' kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalita', kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TEU u mat-TFUE, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Billi dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien perijodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament jekk hijiex ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

(15) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen ([1]). Għalhekk ir-Renju Unit ma jiħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(16) Dan ir-Regolament huwa żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, li fih l-Irlanda ma tiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem fi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen ([2]). L-Irlanda għalhekk ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

([1]) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
([2]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

(17) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad- dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Irlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([3]) li jaqgħu fl-ambitu tal-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([4]) dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(18) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([5]) li jaqgħu fl-ambitu tal-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE kkunsidrat konġuntement mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([6]).

(19) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([7]) li jaqgħu fl-ambitu tal-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE kkunsidrat konġuntement mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([8]).

(20) Fir-rigward ta' Ċipru, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen, jew li hu b'xi mod ieħor relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003.

(21) Fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen, jew li hu b'xi mod ieħor relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005.

(22) Fir-rigward tal-Kroazja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen, jew li hu b'xi mod ieħor relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011.

([3]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
([4]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
([5]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
([6]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
([7]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.
([8]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19.

(23) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-libertà ta' moviment ta' persuni u ta' residenza. Dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(24) Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ([1]) għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-Titolu II, jiżdied il-Kapitolu li ġej:

"*KAPITOLU IVa*

***Miżuri speċifiċi fil-każ ta' nuqqasijiet serji relatati mal-kontrolli fil-fruntieri esterni***

*Artikolu 19a*

**Miżuri fil-fruntieri esterni u l-appoġġ mill-Aġenzija**

1. F'każ li fit-twettiq tal-kontrolli fil-fruntieri esterni jiġu identifikati nuqqasijiet serji f'rapport ta' evalwazzjoni mfassal taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen (*), u sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li l-Istat Membru evalwat jieħu ċerti miżuri speċifiċi, li jistgħu jinkludu waħda jew it-tnejn li ġejjin:

(a) jibda jiskjera timijiet tal-għassa tal-fruntiera Ewropea f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004;

(b) jippreżenta l-pjanijiet strateġiċi tiegħu, abbażi ta' stima tar-riskji, inkluża informazzjoni dwar l-iskjerament ta' persunal u tagħmir, lill-Aġenzija għall-opinjoni tagħha dwarhom.

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 33a(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 33a(1) fuq bażi regolari dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u dwar l-impatt tagħhom fuq in-nuqqasijiet identifikati.

Hija għandha tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.

3. Fejn rapport ta' evalwazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 ikun ikkonkluda li l-Istat Membru evalwat qed jonqos serjament mill-obbligi tiegħu u jkollu għalhekk jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni rilevanti fi żmien tliet xhur b'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, u fejn, wara dak il-perijodu ta' tliet xhur, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sitwazzjoni qed tippersisti, dan jista' jagħti lok għall-applikazzjoni tal-proċedura prevista f'dak l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament fejn il-kondizzjonijiet kollha għal hekk jiġu sodisfatti.

(*) ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.";

(2) L-Artikoli 23 sa 27 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 23*

**Qafas ġenerali għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri interni**

1. Fejn, f'żona mingħajr kontrolli tal-fruntieri interni jkun hemm theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' eċċezzjonalment jerġa' jintroduċi l-kontrolli tal-fruntieri fil-partijiet kollha tal-fruntieri interni tiegħu jew f'partijiet speċifiċi tagħhom għal perijodu limitat ta' mhux aktar minn 30 jum jew għall-perijodu prevedibbli tat-theddida serja jekk il-perijodu jaqbeż it-30 jum. L-iskop u t-tul ta' żmien tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri interni m'għandux jaqbeż dak li hu strettament neċessarju b'risposta għat-theddida serja.

2. Il-kontrolli tal-fruntieri interni għandhom jiġu introdotti mill-ġdid biss bħala l-aħħar soluzzjoni, u f'konformità mal-Artikoli 24, 25 u 26. Il-kriterji msemmija, rispettivament, fl-Artikoli 23a u 26a, għandhom jiġu kkunsidrati f'kull każ fejn tiġi kkunsidrata deċiżjoni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri interni skont l-Artikolu 24, 25 jew 26 rispettivament.

3. Jekk it-theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fl-Istat Membru konċernat tippersisti lil hinn

([1]) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

mill-perijodu previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dak l-Istat Membru jista' jestendi l-kontrolli tal-fruntieri interni tiegħu, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kriterji msemmija fl-Artikolu 23a u f'konformità mal-Artikolu 24, għall-istess raġunijiet bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u, filwaqt li jittieħed kont ta' kwalunkwe element ġdid, għal perijodi li jistgħu jiġġeddu ta' mhux aktar minn 30 jum.

4. Il-perijodu totali li matulu jiġu introdotti mill-ġdid il-kontrolli tal-fruntieri interni, inkluż kwalunkwe estensjoni skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, m'għandux jaqbeż is-sitt xhur. Fejn hemm ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 26, dak il-perijodu totali jista' jiġi estiż għal żmien massimu ta' sentejn b'konformità mal-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu.

*Artikolu 23a*

**Kriterji għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri interni**

Fejn Stat Membru jiddeċiedi, bħala l-aħħar soluzzjoni, li jintroduċi mill-ġdid b'mod temporanju kontrolli ta' xi waħda jew aktar mill-fruntieri interni tiegħu jew ta' xi partijiet minnhom jew jiddeċiedi li jestendi tali introduzzjoni mill-ġdid, taħt l-Artikolu 23 jew l-Artikolu 25(1), huwa għandu jivvaluta sa fejn miżura x'aktarx li tirrimedja b'mod adegwat it-theddida għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna, u għandu jevalwa l-proporzjonalità tal-miżura mqabbla ma' dik it-theddida. Meta jagħmel dawn il-valutazzjonijiet, l-Istat Membru għandu b'mod partikolari jqis dawn li ġejjin:

(a) l-impatt probabbli ta' kwalunkwe theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fl-Istat Membru konċernat, inkluż wara inċidenti jew theddidiet terroristiċi kif ukoll dawk maħluqa mill-kriminalità organizzata;

(b) l-impatt probabbli ta' tali miżura fuq moviment liberu ta' persuni fi ħdan iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

*Artikolu 24*

**Proċedura għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri interni skont l-Artikolu 23(1)**

1. Fejn Stat Membru jippjana l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli tal-fruntieri interni taħt l-Artikolu 23(1), huwa għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn erba' ġimgħat qabel l-introduzzjoni mill-ġdid ippjanata, jew fi żmien perijodu iqsar fejn iċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-bżonn tal-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli tal-fruntieri interni jsiru magħrufa f'inqas minn erba' ġimgħat qabel l-introduzzjoni mill-ġdid ippjanata. Għal dak l-għan, l-Istat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-raġunijiet għall-introduzzjoni mill-ġdid proposta, inkluż id-data relevanti kollha li tagħti dettalji tal-avvenimenti li jikkostitwixxu theddida serja għall-ordni pubbliku tiegħu jew għas-sigurtà interna tiegħu;

(b) l-iskop tal-introduzzjoni mill-ġdid proposta, li jispeċifika f'liema parti jew partijiet tal-fruntieri interni ser jiġu introdotti mill-ġdid il-kontrolli tal-fruntieri;

(c) l-ismijiet tal-punti ta' qsim awtorizzati;

(d) id-data u t-tul ta' żmien għall-introduzzjoni mill-ġdid ippjanata;

(e) fejn ikun il-każ, il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri l-oħra.

Tista' tiġi ppreżentata wkoll b'mod konġunt notifika taħt l-ewwel subpragrafu minn żewġ Stati Membri jew aktar.

Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' titlob tagħrif addizzjonali mill-Istat Membru jew Stati Membri konċernati.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin li tiġi notifikata lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni skont dak il-paragrafu.

3. L-Istati Membri li jagħmlu notifika taħt il-paragrafu 1 jistgħu, fejn ikun meħtieġ u f'konformità mal-liġi nazzjonali, jiddeċiedu li jikklassifikaw partijiet mill-informazzjoni.

Tali klassifikazzjoni m'għandhiex tipprekludi li l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew. It-trasmissjoni u t-trattament tal-informazzjoni u dokumenti mibgħutin lill-Parlament Ewropew taħt dan l-Artikolu għandhom jikkonformaw mar-regoli rigward it-trasmissjoni u t-trattament tal-informazzjoni klassifikata li huma applikabbli bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni.

4. Wara n-notifika mill-Istat Membru taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u bil-għan tal-konsultazzjoni prevista fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni jew kwalunkwe Stat Membru ieħor jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 72 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, joħorġu opinjoni.

Jekk, abbażi tal-informazzjoni li tinsab fin-notifika jew kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tkun irċeviet, il-Kummissjoni jkollha tħassib fir-rigward tal-ħtieġa jew proporzjonalità tal-introduzzjoni mill-ġdid ippjanata tal-kontrolli tal-fruntieri interni, jew jekk tqis li jkun xieraq li ssir konsultazzjoni dwar xi aspett tan-notifika, hija għandha toħroġ opinjoni b'dak l-iskop.

5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u kwalunkwe opinjoni tal-Kummissjoni jew tal-Istat Membru skont il-paragrafu 4, għandhom ikunu s-suġġett ta' konsultazzjoni, inkluż, fejn ikun il-każ, laqgħat konġunti, bejn l-Istat Membru li qed jippjana jintroduċi mill-ġdid il-kontrolli tal-fruntieri interni, l-Istati Membri l-oħra, speċjalment dawk affettwati direttament minn tali miżuri, u l-Kummissjoni, bil-ħsieb li tiġi organizzata, fejn xieraq, kooperazzjoni reċiproka bejn l-Istati Membri u biex tiġi eżaminata l-proporzjonalità tal-miżuri mal-avvenimenti li jkunu taw lok għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri u t-theddida għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna.

6. Il-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 għandha ssir mill-inqas għaxart ijiem qabel id-data li fiha jkun ippjanat li jerġgħu jiġu introdotti l-kontrolli tal-fruntieri.

*Artikolu 25*

**Proċedura speċifika għal każijiet li jeħtieġu azzjoni immedjata**

1. Fejn theddida serja għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna ta' Stat Membru teħtieġ li tittieħed azzjoni urġenti, l-Istat Membru konċernat jista', fuq bażi eċċezzjonali, immedjatament jintroduċi mill-ġdid il-kontrolli tal-fruntieri interni għal perijodu limitat ta' mhux aktar minn għaxart ijiem.

2. Fejn Stat Membru jintroduċi mill-ġdid il-kontrolli tal-fruntieri interni tiegħu, huwa għandu, b'mod simultanju, jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar dan, u għandu jagħti l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 24 (1), inklużi r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-użu tal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-Istati Membri l-oħra immedjatament wara li tirċievi n-notifika.

3. Jekk it-theddida serja għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna ddum aktar mill-perijodu previst fil-paragrafu 1, l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jestendi l-kontrolli tal-fruntieri interni għal perijodi li jistgħu jiġġeddu ta' mhux aktar minn 20 jum. Meta jagħmel dan, l-Istat Membru konċernat għandu jikkunsidra l-kriterji msemmija fl-Artikolu 23a, inkluża valutazzjoni aġġornata tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżura, u għandu jikkunsidra kwalunkwe element ġdid.

F'każ li tittieħed tali estensjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24(4) u (5) għandhom japplikaw mutatis mutandis, u l-konsultazzjoni għandha ssir mingħajr dewmien wara li d-deċiżjoni ta' estensjoni tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23(4), il-perijodu totali li matulu jiġu introdotti mill-ġdid il-kontrolli tal-fruntieri interni, abbażi tal-perijodu inizjali skont il-paragrafu 1 u kwalunkwe estensjoni taħt il-paragrafu 3, m'għandux jaqbeż ix-xahrejn.

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-Parlament Ewropew dwar in-notifiki magħmulin taħt dan l-Artikolu.

*Artikolu 26*

**Proċedura speċifika fejn ċirkostanzi eċċezzjonali jqiegħdu f'riskju l-funzjonament ġenerali taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni**

1. F'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn il-funzjonament ġenerali taż-żona mingħajr kontrolli tal-fruntieri interni jitqiegħed f'riskju minħabba nuqqasijiet serji persistenti relatati mal-kontroll tal-fruntieri esterni kif imsemmija fl-Artikolu 19a, u sa fejn dawk iċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu theddida serja għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna fi ħdan iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jew f'partijiet minnha, jistgħu jiġu introdotti mill-ġdid il-kontrolli tal-fruntieri interni f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur. Dak il-perijodu jista' jiġi estiż, mhux aktar minn tliet darbiet, b'perijodu ieħor ta' mhux aktar minn sitt xhur jekk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jippersistu.

2. Il-Kunsill jista', bħala l-aħħar soluzzjoni u bħala miżura biex jipproteġi l-interessi komuni fi ħdan iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, fejn il-miżuri l-oħra kollha, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 19a(1), ikunu ineffettivi fil-mitigazzjoni tat-theddida serja identifikata, jirrakkomanda li Stat Membru wieħed jew aktar jiddeċiedu li jintroduċu mill-ġdid il-kontrolli tal-fruntieri interni kollha tagħhom jew f'partijiet speċifiċi minnhom. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha tkun ibbażata fuq proposta mill-Kummissjoni. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tippreżenta tali proposta lill-Kunsill għal rakkomandazzjoni.

Fir-rakkomandazzjoni tiegħu, il-Kunsill għandu mill-anqas jindika l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 24(1).

Il-Kunsill jista' jirrakkomanda estensjoni f'konformità mal-kondizzjonijiet u proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Qabel ma Stat Membru jerġa' jintroduċi l-kontrolli tal-fruntieri interni kollha tiegħu jew f'partijiet speċifiċi minnhom skont dan il-paragrafu, għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni dwar dan.

3. Fil-każ li r-rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma tiġix implimentata minn Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jinforma mingħajr dewmien lill-Kummissjoni bil-miktub dwar ir-raġunijiet tiegħu.

F'każ bħal dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta r-raġunijiet mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat u l-konsegwenzi fuq il-protezzjoni tal-interessi komuni taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

4. Fejn ikun hemm raġunijiet ta' urġenza debitament ġustifikati, relatati ma' sitwazzjonijiet fejn iċ-ċirkostanzi li jagħtu lok għall-bżonn li jiġu estiżi l-kontrolli tal-fruntieri interni, f'konformità mal-paragrafu 2, ma jsirux magħrufa sa inqas minn 10 ijiem qabel it-tmiem tal-perijodu ta' introduzzjoni mill-ġdid preċedenti, il-Kummissjoni tista' tadotta kwalunkwe rakkomandazzjoni meħtieġa permezz ta' atti implimentattivi li jkunu immedjatament applikabbli f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 33a(3). Fi żmien 14-il jum mill-adozzjoni ta' tali rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill proposta għal rakkomandazzjoni skont il-paragrafu 2.

5. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-miżuri li jistgħu jiġu adottati mill-Istati Membri fil-każ ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna skont l-Artikoli 23, 24 u 25.

*Artikolu 26a*

**Kriterji għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri interni meta ċirkostanzi eċċezzjonali jqiegħdu f'riskju l-funzjonament ġenerali taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni**

1. Fejn, bħala l-aħħar soluzzjoni, il-Kunsill jirrakkomanda, f'konformità mal-Artikolu 26(2), l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli ta' xi waħda jew aktar fruntieri jew ta' xi partijiet minnhom, huwa għandu jivvaluta sa fejn huwa probabbli li tali miżura tirrimedja adegwatament it-theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fi ħdan iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, u għandu jevalwa l-proporzjonalità tal-miżura mqabbla ma' dik it-theddida. Dik il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni dettaljata ppreżentata mill-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernat(i) u mill-Kummissjoni u kull informazzjoni rilevanti oħra, inkluż kull informazzjoni miksuba skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Meta ssir tali valutazzjoni, għandu jittieħed kont b'mod partikolari tal-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

(a) id-disponibbiltà ta' miżuri ta' appoġġ tekniku jew finanzjarju li setgħu jiġu jew ġew invokati fil-livell nazzjonali jew fil-livell Ewropew, jew it-tnejn, inkluż assistenza minn korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni bħall-Aġenzija, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija ("Europol") stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI (**), u sa fejn tali miżuri x'aktarx jirrimedjaw b'mod adegwat it-theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni;

(b) l-impatt attwali u dak futur probabbli ta' kwalunkwe nuqqas serju relatat mal-kontroll fil-fruntieri esterni identifikat fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet li jsiru skont ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 u sa fejn tali nuqqas serju jikkostitwixxi theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni;

(c) l-impatt probabbli tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri fuq il-moviment liberu ta' persuni fi ħdan iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

2. Qabel ma tadotta proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 26(2), il-Kummissjoni tista:

(a) titlob lill-Istati Membri, lill-Aġenzija, lill-Europol jew lil korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni biex jagħtuha aktar informazzjoni;

(b) tagħmel visiti fuq il-post, bl-appoġġ ta' esperti mill-Istati Membri u tal-Aġenzija, l-Europol jew kwalunkwe korp, uffiċċju jew aġenzija rilevanti oħrajn tal-Unjoni, sabiex tikseb jew tivverifika informazzjoni rilevanti għal dik ir-rakkomandazzjoni.

*Artikolu 27*

**Informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill**

Il-Kummissjoni u l-Istat Membru jew Stati Membri konċernati għandhom jinfurmaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill malajr kemm jista' jkun b'kull raġuni li tista' tagħti lok għall-applikazzjoni tal-Artikoli 19a u 23 sa 26a.

(*) ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.
(**) ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.";

(3) L-Artikoli 29 u 30 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 29*

**Rapport dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli tal-fruntieri interni**

Fi żmien erba' ġimgħat mit-tneħħija tal-kontrolli tal-fruntieri interni, l-Istat Membru li jkun għamel kontrolli tal-fruntieri interni għandu jippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri interni, li jiddeskrivi, b'mod partikolari, il-valutazzjoni inizjali u r-rispett tal-kriterji msemmija fl-Artikoli 23a 25 u 26a, l-operazzjoni tal-verifiki, il-kooperazzjoni prattika mal-Istati Membri ġirien, l-impatt li rriżulta fuq il-moviment liberu ta' persuni, l-effettività tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri interni, inkluża valutazzjoni ex-post tal-proporzjonalità tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri.

Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar dik il-valutazzjoni ex-post tal-introduzzjoni mill-ġdid fuq bażi temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fi fruntiera interna waħda jew aktar jew f'partijiet minnhom.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tal-inqas darba fis-sena, rapport dwar il-funzjonament taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Ir-rapport għandu jinkludi lista tad-deċiżjonijiet kollha li jerġgħu jiġu introdotti kontrolli tal-fruntieri interni meħuda matul is-sena rilevanti.

*Artikolu 30*

**Informazzjoni għall-pubbliku**

Il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-pubbliku b'manjiera koordinata dwar deċiżjoni għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri interni u jindika b'mod partikolari d-data tal-bidu u t-tmiem ta' tali miżura, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ta' sigurtà aktar importanti biex dan ma jsirx."

(4) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 33a*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn il-kumitat ma jagħtix opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

---

(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.";

(5) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 37a*

**Mekkaniżmu ta' evalwazzjoni**

1. F'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tagħhom dwar proċeduri ta' infrazzjoni, l-implimentazzjoni minn kull Stat Membru ta' dan ir-Regolament għandha tiġi evalwata permezz ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni.

2. Ir-regoli dwar il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni huma speċifikati fir-Regolament (UE) Nru 1053/2013. F'konformità ma' dak il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu, b'mod konġunt, evalwazzjonijiet regolari, oġġettivi u imparzjali sabiex jivverifikaw l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament u l-Kummissjoni għandha tikkoordina l-evalwazzjonijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Taħt dak il-mekkaniżmu, kull Stat Membru jiġi evalwat għall-inqas kull ħames snin minn grupp żgħir li jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u esperti magħżula mill-Istati Membri.

L-evalwazzjonijiet jistgħu jikkonsistu minn visiti fuq il-post imħabbra jew għal għarrieda fi fruntieri esterni u interni.

F'konformità ma' dak il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-adozzjoni tal-programmi ta' evalwazzjoni multiannwali u annwali u r-rapporti ta' evalwazzjoni.

3. Fil-każ ta' nuqqasijiet posssibbli, jistgħu jiġu indirizzati rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju lill-Istati Membri kkonċernati.

Fejn jiġu identifikati nuqqasijiet serji fit-twettiq ta' kontrolli tal-fruntieri esterni f'rapport ta' evalwazzjoni adottat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, għandhom japplikaw l-Artikoli 19a u 26 ta' dan ir-Regolament.

4. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati fl-istadji kollha tal-evalwazzjoni u jintbagħtulhom id-dokumenti rilevanti kollha f'konformità mar-regoli dwar dokumenti klassifikati.

5. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat immedjatament u kompletament dwar kwalunkwe proposta biex jiġu emendati jew sostitwiti r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1053/2013."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, it-22 ta' Ottubru 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | V. LEŠKEVIČIUS |

**Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jilqgħu l-adozzjoni tar-Regolament li jemenda l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen sabiex jipprevedi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali u tar-Regolament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen. Huma jemmnu li dawn il-mekkaniżmi l-ġodda jindirizzaw b'mod adegwat is-sejħa tal-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2011 għal titjib fil-kooperazzjoni u l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fiż-żona Schengen u għal sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni effettiva u affidabbli sabiex jiġi żgurat l-infurzar ta' regoli komuni u t-tisħiħ, l-adattament u l-estensjoni tal-kriterji bbażati fuq l-acquis tal-UE, filwaqt li jfakkru li l-fruntieri esterni tal-Ewropa għandhom jiġu ġestiti b'mod effettiv u konsistenti, abbażi ta' responsabbiltà komuni, solidarjetà u kooperazzjoni prattika.

Huma jiddikjaraw li din l-emenda għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ser issaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni billi tipprevedi, minn naħa waħda, kriterji għal kwalunkwe introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri mill-Istati Membri, u min-naħa l-oħra mekkaniżmu bbażat fl-UE li jirrispondi għal sitwazzjonijiet verament kritiċi fejn il-funzjonament ġenerali taż-żona jitqiegħed fir-riskju jekk ma jkunx hemm kontrolli fil-fruntieri.

Huma jissottolinjaw li din is-sistema l-ġdida ta' evalwazzjoni hija mekkaniżmu bbażat fl-UE u li ser tkopri l-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen u tinvolvi esperti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u aġenziji rilevanti tal-UE.

Huma jifhmu li kwalunkwe proposta futura mill-Kummissjoni biex tiġi emendata din is-sistema ta' evalwazzjoni tiġi ppreżentata għall-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew sabiex jittieħed kont tal-opinjoni tagħha, bl-aktar mod sħiħ possibbli, qabel l-adozzjoni ta' test finali.

# REGOLAMENT (UE) Nru 1052/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Ottubru 2013

## li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(d) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [1],

Billi:

(1) L-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri ("EUROSUR") hija meħtieġa għat-tisħiħ tal-iskambju tal-informazzjoni u tal-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, kif ukoll mal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 [2] ("l-Aġenzija"). L-EUROSUR ser tipprovdi l-infrastruttura u l-għodod meħtieġa lil dawk l-awtoritajiet u lill-Aġenzija biex itejbu l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċità ta' reazzjoni tagħhom fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni ("fruntieri esterni") għall-fini ta' kxif, prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali u tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-protezzjoni u s-salvataġġ tal-ħajjiet tal-migranti .

(2) Il-prassi tal-ivvjaġġar f'dgħajjes żgħar mhux tajbin għat-tbaħħir wassal għal żieda kbira fin-numru ta' migranti li jegħrqu fil-fruntieri esterni marittimi fin-nofsinhar tal-Istati Membri. L-EUROSUR għandha ttejjeb b'mod konsiderevoli l-kapaċità operazzjonali u teknika tal-Aġenzija u l-Istati Membri li jidentifikaw tali dgħajjes żgħar u li jtejbu l-kapaċità ta' reazzjoni tal-Istati Membri, biex b'hekk tikkontribwixxi għat-tnaqqis fl-imwiet ta' migranti.

(3) Dan ir-Regolament jirrikonoxxi li r-rotot migratorji jintużaw ukoll minn persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

(4) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni biex itejbu l-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni għas-sorveljanza tal-fruntieri bejniethom u mal-Aġenzija. Għall-funzjonament tajjeb tal-EUROSUR huwa essenzjali li l-awtoritajiet nazzjonali kollha b'responsabbiltà għal sorveljanza tal-fruntiera esterna skont il-liġi nazzjonali jikkooperaw permezz taċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni.

(5) Dan ir-Regolament m'għandux itellef lill-Istati Membri milli jagħmlu ċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni tagħhom responsabbli wkoll mill-koordinazzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni u għall-kooperazzjoni fir-rigward tas-sorveljanza tal-fruntieri tal-ajru u għall-kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntiera.

(6) L-Aġenzija għandha ttejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji l-oħra tal-Unjoni, bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u ċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, sabiex isir l-aħjar użu possibbli mill-informazzjoni, il-kapaċitajiet u s-sistemi li huma diġà disponibbli fil-livell Ewropew, bħall-Programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja.

(7) Dan ir-Regolament jagħmel parti mill-mudell Ewropew għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni u mill-Istrateġija għas-Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea. L-EUROSUR ser tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tal-Ambjent Komuni għall-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni għas-sorveljanza tad-dominju marittimu tal-Unjoni (CISE), li jipprovdi qafas usa' għall-għarfien tas-sitwazzjoni marittima permezz tal-iskambju tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet pubbliċi bejn setturi differenti fl-Unjoni.

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni li tinsab fl-EUROSUR tkun kemm jista' jkun sħiħa u aġġornata, b'mod partikolari fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi terzi, l-Aġenzija għandha tikkoopera mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Għal dan il-għan, id-delegazzjonijiet u l-uffiċċji tal-Unjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha li tista' tkun rilevanti għall-EUROSUR.

[1] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2013 (għadha mhix ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013.

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1).

(9) L-Aġenzija għandha tipprovdi l-għajnuna meħtieġa għall-iżvilupp u l-operazzjoni tal-EUROSUR u, kif xieraq, għall-iżvilupp tas-CISE, inkluża l-interoperabilità tas-sistemi, b'mod partikolari permezz tat-twaqqif, iż-żamma u l-koordinazzjoni tal-qafas tal-EUROSUR.

(10) L-Aġenzija għandha tingħata r-riżorsi finanzjarji u umani xierqa, sabiex tkun tista' tissodisfa b'mod adegwat il-kompiti addizzjonali li ngħatawlha skont dan ir-Regolament.

(11) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikoli 2 u 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja, il-projbizzjoni tat-tortura u trattament jew kastig inuman jew degradanti, il-projbizzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti, id-dritt għall-asil, u l-protezzjoni kontra t-tneħħija u t-tkeċċija, in-non-refoulement, in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet tat-tfal. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mill-Istati Membri u l-Aġenzija skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(12) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2007/2004, l-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali u l-Forum Konsultattiv stabbilit minn dak ir-Regolament għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha li tirrigwarda r-rispett għad-drittijiet fundamentali b'rabta mal-attivitajiet kollha tal-Aġenzija fi ħdan il-qafas tal-EUROSUR.

(13) Kwalunkwe skambju ta' data personali fl-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u l-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni għandhom jikkostitwixxu eċċezzjoni. Dan għandu jitwettaq fuq il-bażi tal-liġi eżistenti nazzjonali u tal-Unjoni u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti speċifiċi tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data. Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI [3] huma applikabbli f'każijiet fejn strumenti aktar speċifiċi, bħar-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ma jkunux jipprovdu sistema sħiħa tal-protezzjoni tad-data.

(14) Sabiex tiġi implimentata tnedija gradwali fuq bażi geografika tal-EUROSUR, l-obbligu li jiġu maħtura u li jibdew joperaw iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu japplika f'żewġ stadji suċċessivi: l-ewwel wieħed għall-Istati Membri li jinsabu fil-fruntieri esterni tan-Nofsinhar u tal-Lvant u, fit-tieni stadju, għall-bqija tal-Istati Membri.

(15) Dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ġirien, għaliex skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni strutturata sew u permanenti ma' dawk il-pajjiżi, b'mod partikolari fir-reġjun tal-Mediterran, jikkostitwixxu element ewlieni biex jintlaħqu l-objettivi tal-EUROSUR. Huwa essenzjali li kwalunkwe skambju ta' informazzjoni u kwalunkwe kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi ġirien issir f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement.

(16) Dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-possibbiltà ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-Irlanda u r-Renju Unit li tista' tgħin biex jinkisbu aħjar l-objettivi tal-EUROSUR.

(17) L-Aġenzija u l-Istati Membri, meta jimplimentaw dan ir-Regolament, għandhom jisfruttaw bl-aħjar mod possibbli l-kapaċitajiet eżistenti f'termini ta' riżorsi umani kif ukoll ta' tagħmir tekninu, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll nazzjonali.

(18) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod regolari r-riżultati tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament biex tiddetermina sa fejn ikunu ntlaħqu l-objettivi tal-EUROSUR.

(19) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih u lanqas mhi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu . Peress li dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, għandha tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk hix ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

(20) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill

(1) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

(2) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

(3) Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60).

2000/365/KE [1] , għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(21) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE [2] , u għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu .

(22) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen [3] li jaqgħu taħt il-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE [4]. In-Norveġja għandha tistabbilixxi ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni skont dan ir-Regolament mit-2 ta' Diċembru 2013.

(23) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen [5] li jaqa' fl-ambitu msemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE [6].

(24) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fit-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen [7] li jaqgħu fl-ambitu msemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE [8].

(25) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ma taffettwax id-diviżjoni tal-kompetenza bejn l-Unjoni u l-Istati Membri jew l-obbligi tal-Istati Membri skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Protokoll tagħha kontra t-Traffikar tal-Immigranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru, il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u strumenti internazzjonali oħrajn rilevanti.

(26) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ma taffettwax ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [9] jew ir-regoli għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operazzjonali kkoordinata mill-Aġenzija .

(27) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment tal-EUROSUR ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu minħabba l-iskala u l-effett tiegħu, jinkiseb aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, din tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat.. Konformement mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan,

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

[3] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

[4] Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

[5] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

[6] Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-Acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

[7] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

[8] Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

[9] Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-iskambju tal-informazzjoni u għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Aġenzija sabiex jitjieb l-għarfien tas-sitwazzjoni u biex tiżdied il-kapaċità ta' reazzjoni fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni ("fruntieri esterni") għall-fini tal-kxif, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali u l-kontribuzzjoni għall-iżgurar tal-protezzjoni u s-salvataġġ tal-ħajjiet tal-migranti ("EUROSUR").

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni fuq l-art u fil-baħar, inklużi l-monitoraġġ, il-kxif, l-identifikazzjoni, it-traċċar, il-prevenzjoni u l-interċettazzjoni tal-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri għall-fini tal-kxif, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali u l-kontribut għall-iżgurar tal-protezzjoni u s-salvataġġ tal-ħajjiet tal-migranti.

2. Dan ir-Regolament jista' japplika wkoll għas-sorveljanza tal-fruntieri tal-ajru kif ukoll għall-kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntieri jekk l-Istati Membri jipprovdu b'mod volontarju tali informazzjoni lill-EUROSUR.

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal kwalunkwe miżura legali jew amministrattiva meħuda ġaladarba l-awtoritajiet responsabbli ta' Stat Membru jkunu kixfu l-movimenti ta' attivitajiet kriminali transkonfinali jew qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni minn persuni.

4. L-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tan-non-refoulement u r-rispett għad-dinjità tal-bniedem u r-rekwiżiti għall-protezzjoni tad-data, meta japplikaw dan ir-Regolament. Huma għandhom jagħtu prijorità lill-ħtiġijiet speċjali tat-tfal, minorenni mhux akkumpanjati, vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, persuni li jkunu jeħtieġu assistenza medika urġenti, persuni li jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, persuni fil-periklu fuq il-baħar u persuni oħrajn f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2007/2004;

(b) "għarfien tas-sitwazzjoni" tfisser il-kapaċità tal-monitoraġġ, il-kxif, l-identifikazzjoni, it-traċċar u l-fehim tal-attivitajiet transkonfinali illegali sabiex jinstabu raġunijiet loġiċi għall-miżuri ta' reazzjoni billi l-informazzjoni l-ġdida tingħaqad flimkien mal-għarfien eżistenti, u biex ikun jista' jitnaqqas it-telf ta' ħajjiet ta' migranti fuq, tul, jew qrib il-fruntieri esterni;

(c) "kapaċità ta' reazzjoni" tfisser il-kapaċità li jitwettqu azzjonijiet maħsuba sabiex jikkumbattu l-attivitajiet illegali transkonfinali fuq, tul jew qrib il-fruntieri esterni, inklużi l-mezzi u l-iskedi taż-żmien biex wieħed jirreaġixxi b'mod adegwat;

(d) "stampa tas-sitwazzjoni" tfisser interfaċċja grafika għall-preżentazzjoni ta' data u informazzjoni kważi f'ħin reali mingħand awtoritajiet, sensuri, pjattaformi differenti, u sorsi oħra, li tiġi kondiviża permezz tal-kanali ta' komunikazzjoni u tal-informazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn sabiex jinkiseb l-għarfien tas-sitwazzjoni u tiġi appoġġjata l-kapaċità ta' reazzjoni mal-fruntieri esterni u ż-żona prefruntiera;

(e) "kriminalità transkonfinali" tfisser kull kriminalità serja b'dimensjoni transkonfinali li titwettaq fuq, tul, jew fil-qrib, tal-fruntieri esterni;

(f) "sezzjoni tal-fruntiera esterna" tfisser il-fruntiera kollha jew parti mill-fruntiera ta' Stat Membru, fuq l-art jew fil-baħar kif definita mil-liġi nazzjonali jew kif ġiet iddeterminata miċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jew kwalunkwe awtorità nazzjonali oħra responsabbli;

(g) "żona prefruntiera" tfisser żona ġeografika lil hinn mill-fruntieri esterni ;

(h) "sitwazzjoni ta' kriżi" tfisser kwalunkwe diżastru naturali jew magħmul mill-bniedem, inċident, kriżi umanitarja jew politika jew kwalunkwe sitwazzjoni serja oħra li tiġri fuq, tul jew qrib il-fruntieri esterni, li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-kontroll tal-fruntieri esterni;

(i) "inċident" tfisser sitwazzjoni marbuta ma' immigrazzjoni illegali, kriminalità transkonfinali jew riskju għall-ħajjiet ta' migranti fuq, tul jew qrib il-fruntieri esterni.

TITOLU II

## QAFAS

*KAPITOLU I*

### *Komponenti*

*Artikolu 4*

### Qafas tal-EUROSUR

1. Għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-kooperazzjoni fil-qasam tas-sorveljanza tal-fruntieri, u filwaqt li jitqies l-iskambju ta' informazzjoni eżistenti u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, l-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jużaw il-qafas tal-EUROSUR , li jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

(a) ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni;

(b) stampi tas-sitwazzjoni nazzjonali;

(c) netwerk ta' komunikazzjoni;

(d) stampa tas-sitwazzjoni Ewropea;

(e) stampa ta' intelligence prefruntiera komuni;

(f) l-applikazzjoni komuni ta' għodod ta' sorveljanza.

2. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni, permezz tan-netwerk ta' komunikazzjoni, għandhom jipprovdu lill-Aġenzija bl-informazzjoni mill-istampi tas-sitwazzjoni nazzjonali tagħhom li tkun meħtieġa għall-istabbiliment u ż-żamma tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u tal-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni.

3. L-Aġenzija, permezz tan-netwerk ta' komunikazzjoni, għandha tagħti liċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni aċċess bla limitu għall-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u għall-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni.

4. Il-komponenti elenkati fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti u jinżammu f'konformità mal-prinċipji msemmija fl-Anness.

*Artikolu 5*

### Ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar, jopera u jżomm ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni, li għandu jikkoordina, u jiskambja l-informazzjoni fost l-awtoritajiet kollha responsabbli għas-sorveljanza tal-fruntiera esterna fuq il-livell nazzjonali, kif ukoll maċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni l-oħrajn u l-Aġenzija. Kull Stat Membru għandu jinnotifika l-istabbiliment taċ-ċentru ta' koordinazzjoni nazzjonali tiegħu lill-Kummissjoni, li għandha tinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Aġenzija dwar dan.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 u fi ħdan il-qafas tal-EUROSUR, iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jkun il-punt ta' kuntatt waħdieni għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-kooperazzjoni ma' ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni oħrajn u mal-Aġenzija.

3. Iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu:

(a) jiżgura l-iskambju f'waqtu ta' informazzjoni u kooperazzjoni f'waqtha bejn l-awtoritajiet nazzjonali kollha responsabbli għas-sorveljanza tal-fruntiera esterna kif ukoll ma' ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni oħrajn u mal-Aġenzija;

(b) jiżgura l-iskambju f'waqtu ta' informazzjoni mal-awtoritajiet ta' tfittxija u salvataġġ, tal-infurzar tal-liġi, tal-asil u tal-immigrazzjoni fil-livell nazzjonali;

(c) jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva u effiċjenti tar-riżorsi u l-persunal;

(d) jistabbilixxi u jżomm l-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali skont l-Artikolu 9;

(e) jagħti appoġġ għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tal-fruntiera nazzjonali;

(f) jikkoordina s-sistema ta' sorveljanza tal-fruntiera nazzjonali, skont il-liġi nazzjonali;

(g) jikkontribwixxi biex regolarment ikejjel rl-effetti tal-attivitajiet ta' sorveljanza tal-fruntiera nazzjonali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

(h) jikkoordina miżuri operazzjonali ma' Stati Membri oħrajn, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Aġenzija u tal-Istati Membri.

4. Iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jopera għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa.

*Artikolu 6*

### Aġenzija

1. L-Aġenzija għandha:

(a) tistabbilixxi u żżomm in-netwerk tal-komunikazzjoni għall-EUROSUR skont l-Artikolu 7;

(b) tistabbilixxi u żżomm l-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea skont l-Artikolu 10;

(c) tistabbilixxi u żżomm l-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni skont l-Artikolu 11;

(d) tikkoordina l-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 12.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Aġenzija għandha topera erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa.

### Artikolu 7

### Netwerk ta' komunikazzjoni

1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm netwerk ta' komunikazzjoni sabiex tipprovdi għodod ta' komunikazzjoni u għodod analitiċi u tippermetti l-iskambju tal-informazzjoni sensittiva mhux klassifikata u l-informazzjoni klassifikata b'manjiera sigura u kważi fil-ħin reali ma', u fost, iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni. In-netwerk għandu jopera erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa u għandu jippermetti:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni bilaterali u multilaterali kważi fil-ħin reali;

(b) konferenzi bl-awdjo u bil-video;

(c) it-trattament, il-ħżin, it-trażmissjoni u l-ipproċessar b'mod sigur ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata;

(d) it-trattament, il-ħżin, it-trażmissjoni u l-ipproċessar b'mod sigur tal-informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell ta' RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew livelli ta' klassifikazzjoni nazzjonali ekwivalenti, filwaqt li jiżgura li l-informazzjoni klassifikata tiġi ttrattata, maħżuna, trażmessa u pproċessata f'parti separata u debitament akkreditata tan-netwerk ta' komunikazzjoni.

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi appoġġ tekniku u tiżgura li n-netwerk ta' komunikazzjoni jkun interoperabbli ma' kull sistema oħra rilevanti ta' komunikazzjoni u informazzjoni mmexxija mill-Aġenzija.

3. L-Aġenzija għandha tiskambja, tipproċessa u taħżen informazzjoni sensittiva mhux klassifikata u informazzjoni klassifikata fin-netwerk ta' komunikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 11d tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004.

4. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni għandhom jiskambjaw, jipproċessaw u jaħżnu informazzjoni sensittiva mhux klassifikata u informazzjoni klassifikata fin-netwerk ta' komunikazzjoni f'konformità mar-regoli u l-istandards li huma ekwivalenti għal dawk stipulati fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni ([1]) .

5. L-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-aġenziji u korpi oħrajn li jużaw in-netwerk ta' komunikazzjoni għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mar-regoli u l-istandards ta' sigurtà ekwivalenti għal dawk applikati mill-Aġenzija għat-trattament ta' informazzjoni klassifikata.

## *KAPITOLU II*

## ***Għarfien tas-sitwazzjoni***

### Artikolu 8

### Stampi tas-sitwazzjoni

1. L-istampi tas-sitwazzjoni nazzjonali, l-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u l-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni għandhom jinħolqu permezz tal-ġbir, il-valutazzjoni, ir-relazzjoni, l-analiżi, l-interpretazzjoni, il-ġenerazzjoni, il-viżwalizzazzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni.

2. L-istampi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonsistu fil-livelli li ġejjin:

(a) livell tal-avvenimenti ;

(b) livell operazzjonali ;

(c) livell ta' analiżi .

### Artikolu 9

### Stampa tas-sitwazzjoni nazzjonali

1. Iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jistabbilixxi u jżomm stampa tas-sitwazzjoni nazzjonali, sabiex jipprovdi lill-awtoritajiet kollha li għandhom responsabbiltajiet għall-kontroll u, b'mod partikolari, għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni fuq livell nazzjonali, b'informazzjoni effettiva, preċiża u f'waqtha.

2. L-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali għandha tkun magħmula minn informazzjoni miġbura mis-sorsi li ġejjin:

(a) is-sistema nazzjonali ta' sorveljanza tal-fruntiera skont il-liġi nazzjonali;

(b) sensuri stazzjonarji jew mobbli operati mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza tal-fruntiera esterna;

(c) pattulji fuq is-sorveljanza tal-fruntieri u missjonijiet oħra ta' monitoraġġ;

(d) ċentri ta' koordinazzjoni lokali, reġjonali u oħrajn;

([1]) ĠU L 308, 8.12.2000, p. 26.

(e) sistemi u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn, inklużi uffiċjali ta' kollegament, ċentri operazzjonali u punti ta' kuntatt;

(f) l-Aġenzija;

(g) ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni fi Stati Membri oħrajn ;

(h) awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, abbażi ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali u netwerks reġjonali kif imsemmija fl-Artikolu 18;

(i) sistemi ta' rappurtar tal-vapuri f'konformità mal-bażijiet legali rispettivi tagħhom;

(j) organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali oħrajn rilevanti;

(k) sorsi oħrajn.

3. Il-livell tal-avvenimenti tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali għandu jikkonsisti fis-sottolivelli li ġejjin:

(a) sottolivell dwar qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri inkluża informazzjoni disponibbli għaċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni dwar inċidenti relatati ma' riskju għall-ħajjiet tal-migranti;

(b) sottolivell dwar il-kriminalità transkonfinali ;

(c) sottolivell dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi ;

(d) sottolivell dwar avvenimenti oħrajn, li jkun fih informazzjoni dwar vetturi, bastimenti u mezzi oħra u persuni mhux identifikati u suspettużi li jkunu preżenti fuq, tul jew qrib il-fruntieri esterni tal-Istat Membru kkonċernat, kif ukoll kull avveniment ieħor li jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-kontroll tal-fruntieri esterni.

4. Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni nazzjonali għandu jattribwixxi livell ta' impatt indikattiv waħdieni, li jvarja minn impatt "baxx" u "medju" sa wieħed "għoli", għal kull inċident fil-livell tal-avvenimenti tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali. L-inċidenti kollha għandhom ikunu kondiviżi mal-Aġenzija.

5. Il-livell operazzjonali tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali għandu jkun fih is-sottolivelli li ġejjin:

(a) sottolivell dwar ir-riżorsi proprji, inklużi riżorsi militari li jassistu missjoni ta' infurzar tal-liġi, u żoni operazzjonali, li jkun fih informazzjoni dwar il-pożizzjoni, l-istatus u t-tip ta' riżorsi proprji u dwar l-awtoritajiet involuti. Fir-rigward ta' riżorsi militari li jassistu missjoni ta' infurzar tal-liġi, iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jista' jiddeċiedi, fuq talba tal-awtorità nazzjonali responsabbli għal dawk ir-riżorsi, li jirrestrinġi l-aċċess għal dik l-informazzjoni fuq il-bażi tal-ħtieġa li wieħed ikun jaf;

(b) sottolivell dwar informazzjoni ambjentali, li jkun fih jew jipprovdi aċċess għal informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tat-territorju u tat-temp fil-fruntieri esterni tal-Istat Membru kkonċernat.

6. L-informazzjoni dwar ir-riżorsi proprji fil-livell operazzjonali għandha tkun klassifikata bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

7. Il-livell ta' analiżi tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali għandu jkun jikkonsisti mis-sottolivelli li ġejjin:

(a) sottolivell ta' informazzjoni, li jkun fih żviluppi ewlenin u indikaturi li huma rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

(b) sottolivell analitiku, li jinkludi rapporti analitiċi, xejriet ta' klassifikazzjoni tar-riskju, monitoraġġi reġjonali u noti ta' informazzjoni li huma rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

(c) sottolivell ta' intelligence, li jinkludi informazzjoni analizzata li hija rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, għall-attribuzzjoni tal-livelli ta' impatt għat-taqsimiet tal-fruntieri esterni;

(d) sottolivell dwar l-użu ta' xbihat u d-data ġeografika, li jinkludi xbihat ta' referenza, mapep tal-isfond, validazzjoni ta' informazzjoni analizzata u analiżi tal-bidliet (xbihat ta' osservazzjoni tad-dinja), kif ukoll l-identifikazzjoni ta' bidliet, data ġeoreferenzjata u mapep esterni li juru l-permeabilità tal-fruntieri.

8. L-informazzjoni li tinsab fil-livell ta' analiżi u dwar l-informazzjoni ambjentali fil-livell operazzjonali tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali tista' tkun ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta fl-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u fl-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni.

9. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-Istati Membri ġirien għandhom jaqsmu ma' xulxin, direttament u kważi fil-ħin reali, l-istampa tas-sitwazzjoni tas-sezzjonijiet ġirien tal-fruntiera esterna, li hija relatata ma':

(a) inċidenti u avvenimenti sinifikanti oħrajn li jinsabu fil-livell tal-avvenimenti;

(b) ir-rapporti dwar l-analiżi tattika tar-riskji kif jinsabu fil-livell ta' analiżi.

10. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-Istati Membri ġirien jistgħu jaqsmu ma' xulxin, direttament u kważi fil-ħin reali, l-istampa tas-sitwazzjoni tas-sezzjonijiet tal-fruntieri esterni ġirien, li hija relatata mal-pożizzjonijiet, l-istatus u t-tip ta' riżorsi proprji li qed joperaw fis-sezzjonijiet tal-fruntieri esterni ġirien kif tinsab fil-livell operazzjonali.

*Artikolu 10*

**Stampa tas-sitwazzjoni Ewropea**

1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm stampa tas-sitwazzjoni Ewropea sabiex tipprovdi liċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni b'informazzjoni u analiżi effettiva, preċiża u f'waqtha .

2. L-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea għandha tkun magħmula minn informazzjoni miġbura mis-sorsi li ġejjin:

(a) stampi tas-sitwazzjoni nazzjonali, sa fejn mitlub minn dan l-Artikolu ;

(b) l-Aġenzija;

(c) il-Kummissjoni, li tipprovdi informazzjoni strateġika dwar kontroll fuq il-fruntieri, inklużi n-nuqqasijiet fit-twettiq tal-kontrolli fuq il-fruntieri esterni;

(d) delegazzjonijiet u uffiċċji tal-Unjoni;

(e) korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 18;

(f) sorsi oħrajn.

3. Il-livell tal-avvenimenti tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea għandu jinkludi informazzjoni relatata ma':

(a) inċidenti u avvenimenti oħra li jinsabu fil-livell tal-avvenimenti tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali ;

(b) inċidenti u avvenimenti oħra li jkunu jinsabu fl-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni;

(c) inċidenti fiż-żona operazzjonali ta' operazzjoni konġunta, proġetti pilota jew intervent rapidu kkoordinat mill-Aġenzija.

4. Fl-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea, l-Aġenzija għandha tieħu kont tal-livell tal-impatt li kien ġie assenjat miċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għal inċident speċifiku fl-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali.

5. Il-livell operazzjonali tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea għandu jikkonsisti mis-sottolivelli li ġejjin:

(a) sottolivell dwar ir-riżorsi proprji, li jkun fih informazzjoni dwar il-pożizzjoni, il-ħin, l-istatus u t-tip ta' riżorsi li jkunu qed jieħdu sehem fl-operazzjonijiet konġunti, proġetti pilota u interventi rapidi tal-Aġenzija jew għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija, u l-pjan ta' skjerament, inkluża ż-żona tal-operazzjoni, l-iskedi tal-viġilanzi u l-kodiċijiet tal-komunikazzjoni;

(b) sottolivell dwar operazzjonijiet, li jkun fih informazzjoni dwar l-operazzjonijiet konġunti, il-proġetti pilota u l-interventi rapidi kkoordinati mill-Aġenzija, inkluża l-istqarrija tal-missjoni, il-pożizzjoni, l-istatus, it-tul taż-żmien, l-informazzjoni dwar l-Istati Membri u atturi oħrajn involuti, rapporti tas-sitwazzjoni ta' kuljum u ta' kull ġimgħa, data statistika u pakketti ta' informazzjoni għall-mezzi tal-informazzjoni;

(c) sottolivell dwar l-informazzjoni ambjentali, li jinkludi informazzjoni dwar it-territorju u l-kundizzjonijiet tat-temp fil-fruntieri esterni.

6. L-informazzjoni dwar ir-riżorsi proprji fil-livell operazzjonali tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea għandha tiġi kklassifikata bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

7. Il-livell ta' analiżi tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea għandu jkun strutturat bl-istess mod bħal fl-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali mniżżla fl-Artikolu 9(6).

*Artikolu 11*

**Stampa ta' intelligence prefruntiera komuni**

1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm stampa ta' intelligence prefruntiera komuni sabiex liċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni tipprovdilhom informazzjoni u analiżi effettivi, preċiżi u f'waqthom dwar iż-żona prefruntiera .

2. L-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni għandha tkun magħmula minn informazzjoni miġbura mis-sorsi li ġejjin:

(a) ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni, inkluż informazzjoni u rapporti li waslu mill-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri permezz tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;

(b) delegazzjonijiet u uffiċċji tal-Unjoni;

(c) l-Aġenzija, inkluż informazzjoni u rapporti pprovduti mill-uffiċjali ta' kollegament tagħha;

(d) korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 18;

(e) awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, abbażi ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali u netwerks reġjonali kif imsemmija fl-Artikolu 20, permezz taċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni;

(f) sorsi oħrajn.

3. L-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni tista' tinkludi informazzjoni li tkun rilevanti għas-sorveljanza tal-fruntiera tal-ajru u l-kontrolli fil-punti esterni ta' qsim tal-fruntieri.

4. Il-livelli tal-avvenimenti, dawk operazzjonali u tal-analiżi tal-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni għandhom ikunu strutturati fl-istess manjiera bħal dawk tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea mniżżla fl-Artikolu 10.

5. L-Aġenzija għandha tassenja livell ta' impatt indikattiv uniku lil kull inċident fil-livell tal-avvenimenti tal-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni. L-Aġenzija għandha tinforma liċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni dwar kull inċident fiż-żona prefruntiera .

*Artikolu 12*

**Applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza**

1. L-Aġenzija għandha tikkoordina l-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza sabiex tforni liċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni u lilha nnifisha informazzjoni ta' sorveljanza fir-rigward tal-fruntieri esterni u dwar iż-żona prefruntiera fuq bażi regolari, affidabbli u kosteffettiva.

2. L-Aġenzija, fuq talba tagħha, għandha tipprovdi lil ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni informazzjoni dwar il-fruntieri esterni tal-Istat Membru li jkun għamel it-talba u dwar iż-żona prefruntiera li tista' tittieħed minn:

(a) monitoraġġ selettiv ta' portijiet u kosti ta' pajjiż terz magħżula li jkunu ġew identifikati permezz tal-analiżi tar-riskju u informazzjoni bħala punti ta' imbarkazzjoni jew ta' transitu għal bastimenti jew mezzi oħra li jintużaw għal immigrazzjoni illegali jew il-kriminalità transkonfinali;

(b) traċċar ta' bastimenti jew mezzi oħra fl-ibħra miftuħa li jkunu ssuspettati jew li jkunu ġew identifikati bħala li jkunu qed jintużaw għall-immigrazzjoni illegali jew kriminalità transkonfinali;

(c) monitoraġġ ta' żoni magħżula fil-qasam marittimu sabiex jiġu skoperti, identifikati u traċċati bastimenti u mezzi oħra li jkunu qed jintużaw jew li jkunu ssuspettati li jkunu qed jintużaw għall-immigrazzjoni illegali jew kriminalità transkonfinali;

(d) valutazzjoni ambjentali ta' żoni magħżula fil-qasam marittimu u fil-fruntieri esterni fuq l-art sabiex jitjiebu kemm jista' jkun l-attivitajiet ta' monitoraġġ u viġilanzi;

(e) monitoraġġ selettiv ta' żoni prefruntiera magħżula fil-fruntieri esterni, li jkunu ġew identifikati permezz tal-analiżi tar-riskju u informazzjoni bħala żoni ta' tluq jew ta' transitu potenzjali għall-immigrazzjoni illegali jew il-kriminalità transkonfinali.

3. L-Aġenzija għandha tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 billi tgħaqqad u tanalizza data li tista' tinġabar mis-sistemi, is-sensuri u l-pjattaformi li ġejjin:

(a) sistemi ta' rappurtar tal-vapuri f'konformità mal-bażijiet legali rispettivi tagħhom;

(b) xbihat bis-satellita;

(c) sensuri li jitpoġġew fuq kwalunkwevettura, bastiment jew mezz ieħor.

4. L-Aġenzija tista' tirrifjuta talba minn ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għal raġunijiet tekniċi, finanzjarji jew operazzjonali. L-Aġenzija għandha tinnotifika fi żmien debitu liċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni bir-raġunijiet għal tali rifjut.

5. L-Aġenzija tista' tagħmel użu mill-għodod ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu 2 fuq l-inizjattiva tagħha stess, biex tiġbor informazzjoni li tkun rilevanti għall-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni.

*Artikolu 13*

**Proċessar ta' data personali**

1. Meta l-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali tintuża għall-ipproċessar ta' data personali, dik id-data għandha tiġi pproċessata f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE, id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI u d-dispożizzjonijiet rilevanti nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data.

2. L-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u l-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni jistgħu jintużaw biss għall-ipproċessar ta' data personali dwar numri ta' identifikazzjoni tal-vapuri.

Dik id-data għandha tiġi pproċessata f'konformità mal-Artikolu 11ca tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004. Din għandha tiġi pproċessata biss għall-fini tal-kxif, l-identifikazzjoni u t-traċċar tal-bastimenti kif ukoll għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 11c(3) ta' dak ir-Regolament. Din għandha titħassar awtomatikament fi żmien sebat ijiem minn meta tkun waslet għand l-Aġenzija jew, fejn ikun meħtieġ aktar ħin sabiex bastiment jiġi ttraċċat, fi żmien xahrejn minn meta tkun waslet għand l-Aġenzija.

*KAPITOLU III*

***Kapaċità ta' reazzjoni***

*Artikolu 14*

**Determinazzjoni tas-sezzjonijiet tal-fruntiera esterna**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu jaqsam il-fruntieri esterni tiegħu fuq l-art u fil-baħar f'sezzjonijiet tal-fruntiera, u għandu jagħti notifika dwarhom lill-Aġenzija.

*Artikolu 15*

**Attribuzzjoni tal-livelli tal-impatt għal sezzjonijiet tal-fruntiera esterna**

1. Fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju tal-Aġenzija u fi qbil mal-Istat Membru kkonċernat, l-Aġenzija għandha tattribwixxi l-livelli tal-impatt li ġejjin għal kull waħda mis-sezzjonijiet tal-fruntiera esterna fuq l-art u fil-baħar tal-Istati Membri jew tbiddel tali livelli:

(a) livell tal-impatt baxx fejn l-inċidenti relatati mal-immigrazzjoni illegali jew il-kriminalità transkonfinali li jseħħu fis-sezzjoni tal-fruntiera rilevanti jkollhom impatt mhux sinifikanti fuq is-sigurtà tal-fruntiera;

(b) livell tal-impatt medju fejn l-inċidenti relatati mal-immigrazzjoni illegali jew il-kriminalità transkonfinali li jseħħu fis-sezzjoni tal-fruntiera rilevanti jkollhom impatt moderat fuq is-sigurtà tal-fruntiera;

(c) livell tal-impatt għoli fejn l-inċidenti relatati mal-immigrazzjoni illegali jew il-kriminalità transkonfinali li jseħħu fis-sezzjoni tal-fruntiera rilevanti jkollhom impatt sinifikanti fuq is-sigurtà tal-fruntiera.

2. Iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jwettaq valutazzjoni regolari biex jara jkunx hemm ħtieġa li jinbidel il-livell tal-impatt ta' kwalunkwe sezzjoni tal-fruntiera billi jittieħed kont tal-informazzjoni li tinsab fl-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali.

3. L-Aġenzija għandha tivviżwalizza l-livelli tal-impatt attribwiti lill-fruntieri esterni fl-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea.

*Artikolu 16*

**Reazzjoni li tikkorrispondi għal-livelli tal-impatt**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attivitajiet ta' sorveljanza li jitwettqu fis-sezzjonijiet tal-fruntieri esterni jkunu jikkorrispondu mal-livelli tal-impatt attribwiti bil-mod segwenti:

(a) meta jiġi attribwit livell tal-impatt baxx lil sezzjoni tal-fruntiera esterna, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza fuq il-fruntiera esterna għandhom jorganizzaw sorveljanza regolari fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju u jiżguraw li jkunu qed jinżammu biżżejjed persunal u riżorsi fiż-żona tal-fruntiera lesti għat-traċċar, l-identifikazzjoni u l-interċettazzjoni;

(b) meta jiġi attribwit livell tal-impatt medju lil sezzjoni tal-fruntiera esterna, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza fuq il-fruntiera esterna għandhom, flimkien mal-miżuri meħuda taħt punt (a), jiżguraw li qed jittieħdu miżuri adatti ta' sorveljanza f'dik is-sezzjoni tal-fruntiera. Meta jittieħdu tali miżuri ta' sorveljanza, iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jiġi notifikat kif adatt. Iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jikkoordina kwalunkwe appoġġ mogħti f'konformità mal-Artikolu 5(3);

(c) meta jiġi attribwit livell tal-impatt għoli lil sezzjoni tal-fruntiera esterna, l-Istat Membru kkonċernat għandu, flimkien mal-miżuri meħuda taħt punt (b), jiżgura, permezz taċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni, li l-awtoritajiet nazzjonali li joperaw f'dik is-sezzjoni tal-fruntiera jingħataw l-appoġġ meħtieġ u li jittieħdu miżuri rinforzati ta' sorveljanza. Dak l-Istat Membru jista' jitlob appoġġ mill-Aġenzija soġġett għall-kundizzjonijiet għall-bidu ta' operazzjonijiet konġunti jew interventi rapidi, kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2007/2004.

2. Iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jinforma regolarment lill-Aġenzija dwar il-miżuri meħuda fuq il-livell nazzjonali skont il-punt (c) tal-paragrafu 1 .

3. Meta jiġi attribwit livell tal-impatt medju jew għoli lil sezzjoni tal-fruntiera esterna li tkun tinsab maġenb is-sezzjoni tal-fruntiera ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż li miegħu hemm ftehimiet jew netwerks reġjonali, kif imsemmi fl-Artikoli 19 u 20, iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu jikkuntattja liċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti ġara tal-pajjiż ġar u għandu jipprova jikkoordina l-miżuri transkonfinali neċessarji.

4. Meta Stat Membru jissottometti talba skont il-punt (c) tal-paragrafu 1, l-Aġenzija tista', meta tkun qed twieġeb għal dik it-talba, tagħti appoġġ lil dak l-Istat Membru partikolarment billi:

(a) tagħti trattament prijoritarju għall-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza;

(b) tikkoordina l-użu ta' Timijiet ta' Gwardji tal-Fruntiera Ewropej f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2007/2004;

(c) tiżgura l-użu ta' tagħmir tekniku għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija skont ir-Regolament (KE) Nru 2007/2004;

(d) tikkoordina kwalunkwe appoġġ addizzjonali offrut minn Stati Membri oħrajn.

5. L-Aġenzija għandha tevalwa, flimkien mal-Istati Membri kkonċernati, l-attribuzzjoni tal-livelli tal-impatt u l-miżuri korrispondenti meħuda fuq il-livell nazzjonali u tal-Unjoni fir-rapporti tal-analiżi tar-riskju tagħha.

TITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI U FINALI**

*Artikolu 17*

**Allokazzjoni ta' kompiti lil awtoritajiet oħrajn fl-Istati Membri**

1. L-Istati Membri jistgħu jinkarigaw lil ċentri reġjonali, lokali, funzjonali jew lil awtoritajiet oħrajn, li jkunu f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjonijiet operazzjonali, li jiżguraw l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċità ta' reazzjoni fiż-żoni rispettivi ta' kompetenza tagħhom, inklużi l-kompiti u l-kompetenzi msemmija fil-punti (c), (e) u (f) tal-Artikolu 5(3) .

2. Id-deċiżjoni tal-Istati Membri li jallokaw il-kompiti skont il-paragrafu 1 ma taffettwax liċ-ċentru ta' koordinazzjoni nazzjonali fil-kapaċità tiegħu li jikkoopera u jiskambja informazzjoni ma' ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni oħrajn u mal-Aġenzija.

3. F'każijiet predefiniti, kif determinati fil-livell nazzjonali, iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jista' jawtorizza lil awtorità msemmija fil-paragrafu 1 biex tikkomunika u tiskambja informazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali jew iċ-ċentru ta' koordinazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru ieħor jew l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz bil-kondizzjoni li tali awtorità tinforma liċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni tiegħu stess regolarment dwar tali komunikazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni.

*Artikolu 18*

**Kooperazzjoni tal-Aġenzija ma' partijiet terzi**

1. L-Aġenzija għandha tagħmel użu mill-informazzjoni, kapaċitajiet u sistemi eżistenti disponibbli f'istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, fl-oqfsa legali rispettivi tagħhom.

2. F'konformità mal-paragrafu 1, l-Aġenzija għandha tikkoopera b'mod partikolari mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li ġejjin:

(a) L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) biex tiġi skambjata informazzjoni dwar il-kriminalità transkonfinali li għandha tiġi inkluża fl-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea;

(b) Iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd fil-provvediment tal-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza;

(c) il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, li jistgħu jipprovdu lill-Aġenzija informazzjoni li hija rilevanti għaż-żamma tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u l-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni;

(d) organizzazzjonijiet internazzjonali li jistgħu jipprovdu lill-Aġenzija informazzjoni rilevanti għaż-żamma tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u l-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni.

3. F'konformità mal-paragrafu 1, l-Aġenzija tista' tikkoopera maċ-Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi - Narkotiċi (MAOC-N) u s-Centre de Coordination pour la lutte antidrogue en Méditerranée (CeCLAD-M) (iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għall-ġlieda kontra d-drogi fil-Mediterran) biex tiġi skambjata informazzjoni dwar il-kriminalità transkonfinali li għandha tiġi inkluża fl-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea.

4. Informazzjoni bejn l-Aġenzija u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fil-paragrafu 2 u 3, għandha tiġi skambjata permezz tan-netwerk ta' komunikazzjoni msemmi fl-Artikolu 7 jew netwerks ta' komunikazzjoni oħrajn li jissodisfaw il-kriterji ta' disponibbiltà, kunfidenzjalità u integrità.

5. Il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fil-paragrafi 2 u 3, għandha tiġi rregolata bħala parti minn arranġamenti ta' ħidma skont ir-Regolament (KE) Nru 2007/2004 u l-bażi legali rispettiva tal-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-Unjoni, jew l-organizzazzjoni internazzjonali kkonċernata. Fir-rigward tal-immaniġġjar ta' informazzjoni klassifikata, dawk l-arranġamenti għandhom jipprevedu li l-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-Unjoni jew l-organizzazzjoni internazzjonali kkonċernati jkunu jikkonformaw mar-regoli u l-istandards tas-sigurtà ekwivalenti għal dawk applikati mill-Aġenzija.

6. Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fil-paragrafi 2 u 3, għandhom jużaw l-informazzjoni li jirċievu fil-kuntest tal-EUROSUR biss fil-limiti tal-qafas legali tagħhom u b'mod konformi mad-drittijiet fundamentali, inklużi r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.

*Artikolu 19*

**Kooperazzjoni mal-Irlanda u mar-Renju Unit**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni mal-Irlanda u mar-Renju Unit jistgħu jseħħu abbażi ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn l-Irlanda jew ir-Renju Unit rispettivament u Stat Membru ġar wieħed jew iktar jew permezz ta' netwerks reġjonali bbażati fuq dawk il-ftehimiet. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-Istati Membri għandhom ikunu l-punti ta' kuntatt għall-iskambju tal-informazzjoni mal-awtoritajiet korrispondenti tal-Irlanda u tar-Renju Unit fil-EUROSUR. Meta dawn il-ftehimiet jiġu konklużi, għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni.

2. Il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu limitati għall-iskambju tal-informazzjoni sussegwenti bejn iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni ta' Stat Membru u l-awtorità korrispondenti tal-Irlanda jew tar-Renju Unit:

(a) informazzjoni li tinsab fl-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru sa fejn din tkun trażmessa lill-Aġenzija għall-iskopijiet tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u l-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni;

(b) informazzjoni miġbura mill-Irlanda u mir-Renju Unit li tkun rilevanti għall-iskopijiet tal-istampa tas-sitwazzjoni ewropea u l-istampa ta' intelligence prefruntiera komuni;

(c) informazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 9(9).

3. L-informazzjoni pprovduta fil-kuntest tal-EUROSUR mill-Aġenzija jew minn Stat Membru li mhuwiex parti għal ftehim kif imsemmi fil-paragrafu 1 m'għandhiex tiġi kondiviża mal-Irlanda jew ir-Renju Unit mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Aġenzija jew ta' dak l-Istat Membru. L-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom ikunu marbutin miċ-ċaħda li jikkondividu dik l-informazzjoni mal-Irlanda u r-Renju Unit.

4. Kwalunkwe trażmissjoni suċċessiva jew komunikazzjoni oħra ta' informazzjoni skambjata taħt dan l-Artikolu lil pajjiżi terzi jew lil partijiet terzi għandha tkun ipprojbita.

5. Il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż finanzjarji li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni tal-Irlanda u tar-Renju Unit fl-implimentazzjoni ta' dawk il-ftehimiet.

*Artikolu 20*

**Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ġirien**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw ma' pajjiż terz wieħed ġar jew diversi pajjiżi terzi ġirien. Tali iskambju ta' informazzjoni u tali kooperazzjoni għandhom iseħħu fuq il-bażi ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali jew permezz ta' netwerks reġjonali stabbiliti fuq il-bażi ta' dawk il-ftehimiet. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-Istati Membri għandhom ikunu l-punt ta' kuntatt għall-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi ġirien.

2. Qabel ma jiġi konkluż kwalunkwe ftehim imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħtu notifika dwar il-ftehim lill-Kummissjoni, li għandha tivverifika li d-dispożizzjonijiet tagħha li huma rilevanti għall-EUROSUR jikkonformaw ma' dan ir-Regolament. Ladarba l-Ftehim jiġi konkluż, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifikah lill-Kummissjoni li għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Aġenzija dwar dan.

3. Il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mal-Liġi tal-Unjoni u l-liġi internazzjonali rilevanti dwar id-drittijiet fundamentali u dwar il-protezzjoni internazzjonali, inkluż il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement.

4. Kwalunkwe skambju ta' data personali ma' pajjiżi terzi fil-qafas tal-EUROSUR għandu jkun strettament limitat għal dak li huwa assolutament meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Għandu jsir f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE, id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI u d-dispożizzjonijiet rilevanti nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data.

5. Kull skambju ta' informazzjoni skont il-paragrafu 1, li jipprovdi pajjiż terz b'informazzjoni li tista' tintuża biex tidentifika persuni jew gruppi ta' persuni li t-talba tagħhom għal aċċess għall-protezzjoni internazzjonali qed tiġi ezaminata jew li qegħdin f'riskju serju li jkunu soġġetti għal tortura, trattament inuman u degradanti jew kastig jew kull ksur ieħor ta' drittijiet fundamentali, għandu jkun ipprojbit.

6. Kull skambju ta' informazzjoni taħt il-paragrafu 1 għandu jkun konformi mal-kundizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali u multilaterali konklużi mal-pajjiżi terzi ġirien..

7. L-informazzjoni pprovduta fil-kuntest tal-EUROSUR mill-Aġenzija jew minn Stat Membru li mhux parti għal ftehim kif imsemmi fil-paragrafu 1 m'għandhiex tiġi kondiviża ma' pajjiż terz taħt dak il-ftehim mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Aġenzija jew ta' dak l-Istat Membru. L-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom ikunu marbuta bir-rifjut li jikkondividu dik l-informazzjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat..

8. Kwalunkwe trażmissjoni suċċessiva jew komunikazzjoni oħra ta' informazzjoni skambjata taħt dan l-Artikolu lil pajjiżi terzi oħra jew lil partijiet terzi għandha tkun ipprojbita..

9. Kull skambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi miksuba permezz tal-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza għandu jkun soġġett għal-liġijiet u r-regoli li jirregolaw dawk l-għodod kif ukoll għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 95/46/KE, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI.

*Artikolu 21*

**Manwal**

1. Il-Kummissjoni għandha, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mal-Aġenzija u ma' kwalunkwe korp, uffiċċju jew aġenzija oħra rilevanti tal-Unjoni, tagħmel disponibbli manwal prattiku għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-EUROSUR (il-"Manwal"). Il-Manwal għandu jipprovdi linji gwida tekniċi u operazzjonali, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki inkluż dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-Manwal fil-forma ta' rakkomandazzjoni.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-Aġenzija, li tikklassifika partijiet mill-Manwal bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED f'konformità mar-regoli mniżżla fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni.

*Artikolu 22*

**Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Aġenzija u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri jkunu stabbiliti għall-monitoraġġ tal-funzjonament tekniku u operazzjonali tal-EUROSUR meta mqabbel mal-objettivi li jinkisbu għarfien tas-sitwazzjoni u kapaċità ta' reazzjoni adegwati fil-fruntieri esterni u tar-rispett tad-drittijiet fundamentali inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement.

2. L-Aġenzija għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-EUROSUR sal-1 ta' Diċembru 2015 u kull sentejn minn dakinhar.

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi evalwazzjoni ġenerali tal-EUROSUR lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-1 ta' Diċembru 2016 u kull erba' snin minn dakinhar. Dik l-evalwazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-objettivi stabbiliti, tal-validità kontinwa tar-raġunijiet sottostanti, tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri u mill-Aġenzija u tal-konformità ma' u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali. Din għandha tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji. Fejn meħtieġ, dik l-evalwazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn proposti adegwati biex jiġi emendat dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Aġenzija bl-informazzjoni meħtieġa biex jiġi abbozzat ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2.

L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex twettaq l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

*Artikolu 23*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 2007/2004**

Ir-Regolament (KE) Nru 2007/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1), il-punt (i) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(i) tipprovdi l-għajnuna neċessarja għall-iżvilupp u l-operazzjoni ta' sistema Ewropea ta' sorveljanza tal-fruntieri u, kif adatt, għall-iżvilupp ta' ambjent komuni għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni, inkluża l-interoperabbiltà ta' sistemi, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment, iż-żamma u l-koordinazzjoni tal-qafas tal-EUROSUR f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*)

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 22 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 11).";

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 11ca*

**L-ipproċessar ta' data personali fil-qafas tal-EUROSUR**

L-Aġenzija tista' tipproċessa data personali kif stabbilit fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 1052/2013, li għandu jiġi applikat f'konformità mal-miżuri msemmija fl-Artikolu 11a ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-ipproċessar ta' tali data għandu jirrispetta l-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità u t-trasmissjoni suċċessiva jew komunikazzjoni oħra ta' tali data personali pproċessata mill-Aġenzija lil pajjiżi terzi għandhom ikunu pprojbiti.".

*Artikolu 24*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mit-2 ta' Diċembru 2013.

3. Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Finlandja għandhom jistabbilixxu ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 5 mit-2 ta' Diċembru 2013.

Il-bqija tal-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 5 mill-1 ta' Diċembru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, it-22 ta' Ottubru 2013.

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | V. LEŠKEVIČIUS |

*ANNESS*

Il-prinċipji li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu stabbiliti, operati u miżmuma l-komponenti differenti tal-qafas tal-EUROSUR:

(a) Il-prinċipju ta' komunitajiet ta' interess: Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni u l-Aġenzija għandhom jiffurmaw komunitajiet ta' interess partikolari għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni fil-qafas tal-EUROSUR. Il-komunitajiet ta' interess jintużaw biex jiġu organizzati ċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni differenti u l-Aġenzija biex jiskambjaw informazzjoni fit-tfittxija ta' għanijiet, rekwiżiti u interessi komuni.

(b) Il-prinċipji ta' ġestjoni konsistenti u tal-użu ta' strutturi eżistenti: L-Aġenzija għandha tiżgura l-konsistenza bejn il-komponenti differenti tal-qafas tal-EUROSUR, inklużi l-provvediment ta' gwida u ta' appoġġ liċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni u l-promozzjoni tal-interoperabbiltà tal-informazzjoni u t-teknoloġija. Sa fejn ikun possibbli, il-qafas tal-EUROSUR għandu jagħmel użu minn sistemi u kapaċitajiet eżistenti, sabiex il-baġit ġenerali tal-Unjoni jintuża bl-aħjar mod possibbli u tiġi evitata d-duplikazzjoni. F'dan il-kuntest, l-EUROSUR għandha tiġi stabbilita b'mod kompatibbli għal kollox mas-CISE, u għalhekk tkun tikkontribwixxi għal approċċ ikkoordinat u kosteffiċjenti u tibbenefika minnu għall-iskambju tal-informazzjoni transsettorjali fl-Unjoni.

(c) Il-prinċipji tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni: L-informazzjoni magħmula disponibbli fil-qafas tal-EUROSUR għandha tkun disponibbli għaċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni kollha u għall-Aġenzija, sakemm ma jkunux ġew stabbiliti restrizzjonijiet speċifiċi jew sakemm ma jkunx sar ftehim dwarhom. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni għandhom jiżguraw id-disponibbiltà, il-kunfidenzjalità u l-integrità tal-informazzjoni li tkun ser tiġi skambjata fuq il-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali. L-Aġenzija għandha tiżgura d-disponibbiltà, il-kunfidenzjalità u l-integrità tal-informazzjoni li tkun ser tiġi skambjata fuq il-livell Ewropew u internazzjonali.

(d) Il-prinċipji tal-orjentament lejn is-servizzi u tal-istandardizzazzjoni: Il-kapaċitajiet differenti tal-EUROSUR għandhom jiġu implimentati permezz ta' approċċ orjentat lejn is-servizz. L-Aġenzija għandha tiżgura li, sa fejn ikun possibbli, il-qafas tal-EURSUR ikun ibbażat fuq standards miftiehma internazzjonalment.

(e) Il-prinċipju tal-flessibbiltà: l-organizzazzjoni, l-informazzjoni u t-teknoloġija għandhom ikunu mfassla sabiex il-partijiet interessati tal-EUROSUR ikunu jistgħu jirreaġixxu għas-sitwazzjonijiet li jkunu qed jinbidlu b'mod flessibbli u strutturat.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**

Il-EUROSUR ser tikkontribwixxi għat-titjib tal-protezzjoni u s-salvataġġ tal-ħajjiet tal-migranti. Il-Kunsill ifakkar li t-tfittix u s-salvataġġ tal-ħajja umana fil-baħar huma kompetenza tal-Istati Membri li huma jeżerċitaw fil-qafas tal-konvenzjonijiet internazzjonali.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1053/2013

**tas-7 ta' Ottubru 2013**

**li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi,

(1) Iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni tibbaża fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti ta' miżuri akkumpanjanti mill-Istati Membri fl-oqsma tal-fruntieri esterni, tal-politika tal-viża, tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, il-protezzjoni tad-dejta, tal-koperazzjoni tal-pulizija, tal-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u tal-politika dwar id-drogi.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 ([2]) (SCH/Com-ex (98) 26 def) (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 1998"), kien ġie stabbilit Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen. Il-Kumitat Permanenti ngħata l-mandat, l-ewwel nett, biex jistabbilixxi jekk kinux sodisfatti l-prekundizzjonijiet kollha biex jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni ma' Stat kandidat u, it-tieni nett, biex jiġi żgurat li l-acquis ta' Schengen ikun applikat kif suppost mill-Istati li diġà qed jimplimentawh b'mod sħiħ.

(3) Huwa neċessarju mekkaniżmu speċifiku ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen minħabba l-bżonn li jkunu żgurati standards uniformi għolja fl-applikazzjoni tiegħu fil-prattika u li jinżamm livell għoli ta' fiduċja reċiproka bejn dawk l-Istati Membri li jagħmlu parti minn żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri. Tali mekkaniżmu għandu jkun ibbażat fuq il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u dawk l-Istati Membri.

(4) Il-Programm tal-Aja ([3]) stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta, malli tkun kompjuta t-tneħħija ta' kontrolli fil-fruntieri interni, proposta li tissupplimenta l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni eżistenti ta' Schengen b'mekkaniżmu ta' monitoraġġ, li jiżgura l-involviment sħiħ tal-esperti tal-Istati Membri, u li jkun jinkludi ispezzjonijiet għall-għarrieda.

(5) Il-Programm ta' Stokkolma ([4]) jikkunsidra li l-evalwazzjoni taż-żona Schengen se tkompli tkun ta' importanza ewlenija u li għalhekk għandha tittejjeb billi jissaħħaħ ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Unjoni Ewropea (Frontex), stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 ([5]), f'dan il-qasam.

(6) Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 1998 għandu għalhekk jiġi rivedut u d-Deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 1998 għandha titħassar.

(7) L-esperjenza miksuba matul l-evalwazzjonijiet preċedenti turi l-bżonn li jinżamm mekkaniżmu ta' evalwazzjoni koerenti li jkopri l-oqsma kollha tal-acquis ta' Schengen ħlief dawk fejn mekkaniżmu ta' evalwazzjoni speċifiku diġà jeżisti taħt il-liġi tal-Unjoni.

([1]) Opinjoni tat-12 ta' Ġunju 2013 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 138 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 19, Vol 02, p. 122).

([3]) ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1.

([4]) ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

([5]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1; ĠU L 153M, 7.6.2006, p. 136 (MT)).

(8) F'konformità mal-Artikolu 70 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-evalwazzjoni oġġettiva u imparzjali tal-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għandha ssir mill-Istati Membri f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni. Biex ikun effiċjenti, proċess adegwat ta' evalwazzjoni għandu jinkludi segwitu u monitoraġġ adegwati tar-rapporti ta' evalwazzjoni li għandhom ikunu żgurati mill-Kummissjoni.

(9) Barra minn hekk, biex il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni jkun aktar effiċjenti, għandhom jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, xi setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni u oħrajn fuq il-Kunsill.

(10) Is-setgħat għat-tħejjija u l-ippjanar tal-evalwazzjonijiet u s-setgħa għall-adozzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni għandhom jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni. Għadd minn dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni [1]. Fid-dawl tat-termini tal-Artikolu 2(2)(b)(iii) ta' dak ir-Regolament, hija applikabbli l-proċedura ta' eżami għall-adozzjoni ta' dawk l-atti.

(11) Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, biex ikun żgurat li dawn jiġu kkoordinati aħjar fil-livell tal-Unjoni u biex tiġi rinforzata l-pressjoni bejn il-pari fosthom, għandha tiġi kkonferita lill-Kunsill s-setgħa implimentattiva biex tadotta r-rakkomandazzjonijiet għal azzjoni rimedjali maħsuba biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas identifikat fir-rapporti ta' evalwazzjoni. Tali setgħa ta' implimentazzjoni tirrifletti s-setgħat speċifiċi kkonferiti lill-Kunsill, taħt l-Artikolu 70 tat-TFUE, fil-qasam ta' evalwazzjoni reċiproka tal-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Hija tirrifletti b'mod adegwat il-fini ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni bbażat fuq dan il-lex specialis, li huwa, f'dan il-qasam partikolari, u b'mod parallel mas-setgħa ġenerali tal-Kummissjoni biex tissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea permezz ta' proċeduri relattivi għal infrazzjonijiet, li jwettaq funzjoni komplementarja ta' monitoraġġ tal-effikaċja tal-implimentazzjoni prattika tal-politika tal-Unjoni permezz ta' reviżjoni mill-pari.

Barra minn hekk, tali setgħa ta' implimentazzjoni kkonferita fuq il-Kunsill tikkontribwixxi biex jingħata effett lix-xewqa tal-Kunsill Ewropew, espressa fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2011, li l-kooperazzjoni fiż-żona ta' Schengen tissaħħaħ ulterjorment permezz tat-titjib tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, u li l-Istati Membri jkunu responsabbli għall-garanzija li r-regoli kollha ta' Schengen jiġu applikati b'mod effettiv f'konformità mal-istandards komuni maqbula u mal-prinċipji u n-normi fundamentali. Tali setgħa ta' implimentazzjoni tikkontribwixxi wkoll, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2012, għat-titjib tal-governanza taż-żona ta' Schengen permezz ta' diskussjonijiet ta' politika fil-livell Ministerjali dwar il-funzjonament tajjeb taż-żona ta' Schengen, inklużi diskussjonijiet f'sitwazzjonijiet fejn ir-rapporti ta' evalwazzjoni jkunu wrew nuqqasijiet serji. Dawn id-diskussjonijiet, li jsiru fil-Kumitat Imħallat li jikkonsisti mill-Istati Membri tal-UE u l-Istati assoċjati ta' Schengen, għandhom jassistu lill-Kunsill biex jieħu deċiżjonijiet fl-ambitu tal-kompetenzi tiegħu biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti taż-żona ta' Schengen. Finalment, il-konferiment ta' tali setgħa implimentattiva lill-Kunsill jieħu kont adegwatament tan-natura potenzjalment politikament sensittiva tar-rakkomandazzjonijiet, li spiss jirriferu għas-setgħat nazzjonali eżekuttivi u ta' infurzar.

(12) Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni għandu jistabbilixxi regoli trasparenti, effiċjenti u ċari dwar il-metodu li għandu jiġi applikat għall-evalwazzjonijiet, l-użu ta' esperti bi kwalifiki għolja għal żjarat fuq il-post, u s-segwitu għall-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet. B'mod partikolari, il-metodu għandu jipprovdi għal żjarat fuq il-post mhux imħabbra biex jissupplimentaw iż-żjarat fuq il-post li jkunu mħabbra, partikolarment fir-rigward ta' kontrolli fil-fruntieri u viżi.

(13) Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ għandu jkopri l-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-fruntieri, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ għandu jkopri kemm l-effiċjenza tal-kontrolli fil-fruntieri esterni kif ukoll in-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni.

(14) Matul l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ għandha tingħata attenzjoni b'mod partikolari lir-rispett għad-drittijiet fundamentali fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen.

(15) L-evalwazzjoni għandha tiggarantixxi li l-Istati Membri japplikaw ir-regoli ta' Schengen b'mod effettiv b'konformità ma' prinċipji u normi fundamentali. Għalhekk il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni għandu jinkludi l-leġislazzjoni rilevanti u l-attivitajiet operattivi kollha li jikkontribwixxu għall-funzjonament ta' żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

(16) Bil-ħsieb tat-tisħiħ tal-effikaċja u l-affidabbiltà tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, għandu jittieħed kont fl-evalwazzjonijiet kollha tal-funzjonament korrett tal-awtoritajiet li japplikaw il-partijiet rilevanti tal-acquis ta' Schengen. Dak ser iżid il-kapaċità tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex jiggarantixxi l-applikazzjoni effettiva

[1] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

tar-regoli ta' Schengen mill-Istati Membri f'konformità mal-prinċipji u n-normi fundamentali kif mitlub mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2011. Dak ikun f'konformità mat-talba tal-Kunsill Ewropew, espressa fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 u t-2 ta' Marzu 2012, li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni jindirizza l-funzjonament meħtieġ tal-istituzzjonijiet involuti fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen.

(17) Il-Frontex għandha tappoġġa l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, primarjament fil-qasam tal-analiżi tar-riskju relatat mal-fruntieri esterni. Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni għandu jkun jista' jiddipendi ukoll mill-kompetenza esperta tal-għajnuna tal-Frontex fuq bażi ad hoc meta jsiru żjarat fuq il-post fil-fruntieri esterni.

(18) Il-korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, bħall-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija ('Europol'), stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI ([1]), u l-Eurojust, stabbilita permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI ([2]), għandhom, fejn ikun rilevanti, jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni fl-oqsma koperti mill-mandat tagħhom. Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni għandu wkoll, meta rilevanti, ikun jista' jiddipendi mill-kompetenza esperta tal-korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni meta dawn jassistu fit-twettiq ta' żjarat fuq il-post relatati ma' oqsma tal-acquis ta' Schengen koperti mill-mandat tal-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-UE. Pereżempju dan għandu jkun il-każ tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fir-rigward tal-evalwazzjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data, li fihom jistgħu jiġu involuti wkoll l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data.

(19) L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-esperti ppreżentati bħala disponibbli għaż-żjarat fuq il-post ikollhom l-esperjenza meħtieġa u jkunu ħadu taħriġ speċifiku għal dan l-iskop, inkluż dak fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Għandu jiġi pprovdut taħriġ xieraq mill-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji rilevanti, bħall-Frontex, u l-fondi għandhom isiru disponibbli għall-Istati Membri għal inizjattivi mmirati għal taħriġ speċifiku fil-qasam tal-evalwazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-istrumenti finanzjarji eżistenti tal-Unjoni u bl-iżvilupp ta' dawn l-istrumenti.

(20) Bil-ħsieb tar-rwol partikolari fdat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali taħt l-aħħar sentenza tal-Artikolu 70 tat-TFUE, kif issottolinjat fil-punt (c) tal-Artikolu 12 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) fir-rigward tal-parlamenti nazzjonali, huwa meħtieġ jiġi previst li l-Kunsill u l-Kummissjoni jinformaw bis-sħiħ lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali dwar il-kontenut u r-riżultati tal-evalwazzjoni. Barra minn hekk, jekk il-Kummissjoni tippreżenta proposta biex temenda dan ir-Regolament, il-Kunsill, taħt l-Artikolu 19(7)(h) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, għandu jikkonsulta lill-Parlament Ewropew sabiex jikkunsidra l-opinjoni tiegħu, sa fejn possibbli, qabel ma jadotta t-test finali.

(21) B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, kif anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, b'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill jiddeċiedi dwar dan ir-Regolament jekk hijiex se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

(22) Ir-Renju Unit qed jieħu sehem f'dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni, anness mat-TUE u mat-TFUE, u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonjiet tal-acquis ta' Schengen ([3]).

(23) L-Irlanda qed tieħu sehem f'dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE u mat-TFUE, u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonjiet tal-acquis ta' Schengen ([4]).

(24) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Irlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([5]) li jaqgħu fl-ispazju msemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([6]) dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(25) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([7]) li jaqgħu fl-ispazju msemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE applikabbli konġuntement mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([8]).

---

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1; Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 19 Vol 04, p. 197).

([3]) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 19, Vol 01, p. 178).

([4]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 19, Vol 04, p. 211).

([5]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([6]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

([7]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([8]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.

(26) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen [1] li jaqgħu fl-ispazju msemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE applikabbli konġuntement mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE [2].

(27) Ladarba, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-evalwazzjoni ta' Ċipru tkun diġà nbdiet taħt id-Deiżjoni tas-16 ta' Settembru 1998, dan ir-Regolament mhux ser japplika għal Ċipru sal-1 ta' Jannar 2016.

(28) Ladarba l-verifika f'konformità mal-proċeduri applikabbli tal-evalwazzjoni ta' Schengen fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija diġà ġiet ikkompletata f'konformità mal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005, il-verifika taħt l-Artikolu 1(b) ta' dan ir-Regolament mhijiex se ssir fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri.

(29) Esperti minn Ċipru, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja għandhom madankollu jipparteċipaw fl-evalwazzjoni tal-partijiet kollha tal-acquis ta' Schengen,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Għan u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, li jservi l-għanijiet li ġejjin:

(a) il-verifika tal-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fl-Istati Membri li għalihom huwa japplika bis-sħiħ kif ukoll fl-Istati Membri li għalihom, f'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-TUE u mat-TFUE, l-*acquis* ta' Schengen japplika in parti;

(b) il-verifika li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet rilevanti kollha tal-*acquis* ta' Schengen ikunu ġew sodisfatti f'dawk l-Istati Membri li fir-rigward tagħhom ma ttieħditx deċiżjoni tal-Kunsill li tiddikjara li d-dispożizzjonijiet ta' Schengen għandhom japplikaw bis-sħiħ jew parzjalment, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-Istati Membri li l-evalwazzjoni tagħhom tkun diġà tlestiet fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-verifika msemmija fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu hija mingħajr preġudizzju għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 23 fir-rigward ta' Stati Membri li fihom diġà jkunu bdew il-proċeduri ta' evalwazzjoni fis-26 ta' Novembru 2013.

[1] ĠU L 160, 18.5.2011, p. 21.
[2] ĠU L 160, 18.5.2011, p. 19.

3. Esperti mill-Istati Membri li, skont l-Att ta' Adeżjoni rilevanti, ma japplikawx bis-sħiħ l-*acquis* ta' Schengen għandhom madanakollu jipparteċipaw fl-evalwazzjoni tal-partijiet kollha tal-*acquis* ta' Schengen.

*Artikolu 2*

**Definizzjoni**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, "l-*acquis* ta' Schengen" tfisser id-dispożizzjonijiet integrati fil-qafas tal-Unjoni taħt il-Protokoll Nru 19 anness mat-TUE u mat-TFUE, flimkien mal-atti li jibnu fuqhom jew li huma b'xi mod ieħor relatati magħhom.

*Artikolu 3*

**Responsabbiltajiet**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ kif speċifikat f'dan ir-Regolament, bl-appoġġ tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen.

2. Il-Kummissjoni għandha jkollha rwol ta' koordinazzjoni ġenerali fir-rigward tal-istabbiliment tal-programmi ta' evalwazzjoni annwali u pluriennali, l-abbozzar ta' kwestjonarji u t-tfassil ta' skedi ta' żjarat, it-twettiq ta' żjarat u l-abbozzar ta' rapporti ta' evalwazzjoni u ta' rakkomandazzjonijiet. Hi għandha tiżgura wkoll is-segwitu u l-monitoraġġ tar-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet b'konformità mal-Artikolu 16.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-evalwazzjonijiet sabiex iwettqu l-kompiti fdati lilhom taħt dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Evalwazzjonijiet**

1. L-evalwazzjonijiet jistgħu jkopru l-aspetti kollha tal-*acquis* ta' Schengen, inkluża l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-miżuri akkumpanjanti mill-Istati Membri fl-oqsma tal-fruntieri esterni, il-politika tal-viża, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, il-protezzjoni tad-dejta, il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, kif ukoll in-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni. L-evalwazzjonijiet kollha għandhom jieħdu kont tal-funzjonament tal-awtoritajiet li japplikaw il-partijiet rilevanti tal-*acquis* ta' Schengen, kif stabbilit f'dan il-paragrafu.

2. L-evalwazzjonijiet jistgħu jikkonsistu fi kwestjonarji u fi żjarat fuq il-post li jistgħu jiġu mħabbra jew le. Iż-żjarat fuq il-post imħabbra għandhom ikunu preċeduti minn kwestjonarju. Fejn xieraq, iż-żjarat fuq il-post u l-kwestjonarji jistgħu jintużaw jew b'mod indipendenti jew b'mod kombinat fl-evalwazzjoni ta' Stati Membri speċifiċi u/jew oqsma speċifiċi.

3. Kemm il-kwestjonarji kif ukoll iż-żjarat fuq il-post jistgħu jiġu supplimentati minn preżentazzjonijiet mill-Istat Membru evalwat dwar il-qasam kopert mill-evalwazzjoni.

*Artikolu 5*

**Programm ta' evalwazzjoni pluriennali**

1. Il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali li jkopri perijodu ta' ħames snin għandu jkun stabbilit mill-Kummissjoni, fejn xieraq wara konsultazzjoni mal-Frontex u l-Europol, mhux aktar tard minn sitt xhur qabel il-bidu tal-perijodu sussegwenti ta' ħames snin. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2). Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Kull Stat Membru għandu jiġi evalwat matul kull perijodu ta' ħames snin kopert minn programm ta' evalwazzjoni pluriennali. Il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali għandu jelenka l-ordni tal-Istati Membri li jkunu ser jiġu evalwati kull sena. L-ordni li fiha għandhom ikunu evalwati l-Istati Membri għandha tieħu kont taż-żmien li jkun għadda mill-evalwazzjoni preċedenti u l-bilanċ bejn il-partijiet differenti tal-*acquis* ta' Schengen li għandhom ikunu evalwati.

3. Il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali jista' jiġi adattat, fejn meħtieġ, taħt il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1.

4. Il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali jista' jkun fih referenza għal evalwazzjonijiet tematiċi kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(b).

5. L-ewwel programm ta' evalwazzjoni pluriennali għandu jiġi stabbilit sas-27 ta' Mejju 2014. Id-data tal-bidu ta' dak il-programm għandha tkun is-27 ta' Novembru 2014 u d-data tat-tmiem għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2019.

*Artikolu 6*

**Programm ta' evalwazzjoni annwali**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm ta' evalwazzjoni annwali sal-31 ta' Ottubru tas-sena li tippreċedi dik li għaliha jirriferi l-programm, b'kont partikolarment meħud tal-analiżi tar-riskju pprovduta mill-Frontex f'konformità mal-Artikolu 7 u, fejn xieraq, l-informazzjoni pprovduta mill-Europol u minn korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari f'konformità mal-Artikolu 8.

Il-programm ta' evalwazzjoni annwali għandu jinkludi proposti għall-evalwazzjoni ta':

(a) l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen jew partijiet tiegħu minn Stat Membru wieħed, kif speċifikat fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali; u

(b) fejn rilevanti, l-applikazzjoni ta' partijiet speċifiċi tal-*acquis* ta' Schengen f'diversi Stati Membri (jiġifieri evalwazzjonijiet tematiċi).

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-ewwel taqsima tal-programm ta' evalwazzjoni annwali, inkluż skeda ta' żmien proviżorja taż-żjarat fuq il-post. Dik it-taqsima għandha telenka l-Istati Membri li għandhom ikunu evalwati fis-sena sussegwenti f'konformità mal-programm ta' evalwazzjoni pluriennali, l-oqsma li għandhom ikunu evalwati u ż-żjarat fuq il-post. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2). Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Il-Kummissjoni għandha tabbozza u tadotta t-tieni taqsima tal-programm ta' evalwazzjoni annwali. Dik it-taqsima għandha telenka ż-żjarat fuq il-post mhux imħabbra li għandhom jitwettqu fis-sena sussegwenti. Hija għandha tiġi kkunsidrata kunfidenzjali u m'għandhiex tiġi kkomunikata.

4. Il-programm ta' evalwazzjoni annwali jista' jiġi adattat, jekk meħtieġ, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3.

5. L-ewwel programm ta' evalwazzjoni annwali għandu jiġi stabbilit sas-27 ta' Mejju 2014. Id-data tal-bidu ta' dak il-programm għandha tkun is-27 ta' Novembru 2014 u d-data tat-tmiem għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2014.

*Artikolu 7*

**Analiżi tar-riskju tal-Frontex**

1. Sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, il-Frontex għandha tippreżenta analiżi tar-riskju lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri skont il-mandat tagħha. Tali analiżi tar-riskju għandha tieħu kont, fost l-oħrajn, l-immigrazzjoni illegali u bidliet sinifikanti fl-ambjent operattiv fil-fruntieri esterni, u għandha tinkludi rakkomandazzjonijiet dwar prijoritajiet għall-evalwazzjonijiet fis-sena sussegwenti. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jirriferu għal taqsimiet speċifiċi tal-fruntieri esterni u għal punti speċifiċi ta' qsim fil-fruntieri li għandhom ikunu evalwati fis-sena sussegwenti taħt il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali. Il-Kummissjoni għandha tibgħat mingħajr dewmien l-analiżi tar-riskju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, il-Frontex għandha tippreżenta lill-Kummissjoni analiżi tar-riskju separata li tkun distinta minn dik imsemmija fil-paragrafu 1, li għandha tinkludi rakkomandazzjonijiet dwar prijoritajiet għall-evalwazzjonijiet li għandhom ikunu implimentati permezz ta' żjarat mhux imħabbra fuq il-post fis-sena sussegwenti, irrispettivament mill-ordni li fiha l-Istati Membri għandhom jiġu evalwati kull sena, kif stabbilit fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali taħt l-Artikolu 5(2). Dawk ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jirrigwardaw kwalunkwe reġjun jew qasam speċifiku u għandhom jinkludu lista ta' mill-inqas għaxar taqsimiet speċifiċi tal-fruntieri esterni u mill-inqas għaxar punti speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera. Il-Kummissjoni tista' f'kull ħin titlob lill-Frontex biex tippreżentalha analiżi tar-riskju b'rakkomandazzjonijiet ta' evalwazzjonijiet li jridu jiġu implimentati fil-forma ta' żjarat mhux imħabbra fuq il-post.

3. L-analiżi tar-riskju, imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2, li għandhom ikunu pprovduti mill-Frontex, għandhom jiġu ppreżentati għall-ewwel darba lill-Kummissjoni mhux aktar tard mis-27 ta' Frar 2014.

*Artikolu 8*

**Analiżi tar-riskju minn korpi, uffiċċji u aġenziji, barra l-Frontex, tal-Unjoni**

Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, titlob korpi, uffiċċji u aġenziji, barra l-Frontex, tal-Unjoni, li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, biex jagħmlu analiżi tar-riskju, anke dwar il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, sa fejn dawn jistgħu jimminaw l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen mill-Istati Membri. Dawn l-analiżi jistgħu jintużaw għat-tħejjija tal-programmi ta' evalwazzjoni annwali.

*Artikolu 9*

**Kwestjonarju**

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi u taġġorna kwestjonarju standard f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-Frontex u l-Europol jistgħu jiġu kkonsultati dwar l-abbozz tal-kwestjonarju standard. Il-kwestjonarji standard għandu jkopri l-leġislazzjoni rilevanti, ir-rakkomandazzjonijiet maqbula b'mod komuni u l-aħjar prattiċi, b'mod partikolari kif iddikjarat fil-katalogi ta' Schengen, u l-mezzi organizzattivi u tekniċi disponibbli għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u d-dejta statistika disponibbli għal kull qasam tal-evalwazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).

2. Sal-1 ta' Lulju kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat il-kwestjonarju standard lil dawk l-Istati Membri li għandhom jiġu evalwati fis-sena sussegwenti. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju fi żmien tmien ġimgħat mill-komunikazzjoni tal-kwestjonarju. Il-Kummissjoni għandha tagħmel it-tweġibiet disponibbli għal Stati Membri oħra u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew bit-tweġibiet. Jekk il-Parlament Ewropew jitlob dan, partikolarment minħabba l-gravità tal-kwistjoni, il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi tal-każ speċifiku u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew bil-kontenut ta' tweġiba speċifika.

*Artikolu 10*

**Gruppi responsabbli għal żjarat fuq il-post**

1. Tim li jkun responsabbli għal żjarat fuq il-post (it-"tim ta' fuq il-post") għandu jikkonsisti minn esperti maħtura mill-Istati Membri u minn rappreżentanti tal-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri biex jaħtru esperti li huma disponibbli għall-parteċipazzjoni fiż-żjarat rispettivi fuq il-post, filwaqt li jindikaw il-qasam ta' kompetenza esperta tagħhom.

Fil-każ ta' żjarat fuq il-post imħabbra, il-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel ma tkun skedata li tibda ż-żjara fuq il-post, għandha tistieden lill-Istati Membri biex jaħtru l-esperti. L-Istati Membri għandhom jaħtru esperti fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċievu dik l-istedina.

Fil-każ ta' żjarat fuq il-post mhux imħabbra, il-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn ġimagħtejn qabel ma tkun skedata li tibda ż-żjara fuq il-post, għandha tistieden lill-Istati Membri biex jaħtru l-esperti. L-Istati Membri għandhom jaħtru esperti fi żmien 72 siegħa minn meta jirċievu din l-istedina.

3. L-għadd massimu ta' rappreżentanti tal-Kummissjoni li jipparteċipaw fi żjara fuq il-post għandu jkun tnejn. L-għadd massimu ta' esperti tal-Istati Membri li jipparteċipaw fi żjara fuq il-post imħabbra għandu jkun tmienja, u sitta għal żjara fuq il-post mhux imħabbra.

Jekk l-esperti maħtura mill-Istati Membri jeċċedu l-għadd massimu rilevanti stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, għandha taħtar il-membri tat-tim abbażi ta' bilanċ ġeografiku u l-kompetenzi tal-esperti.

4. L-esperti tal-Istati Membri ma jistgħux jieħdu sehem f'missjoni ta' evalwazzjoni li tinkludi żjara fuq il-post fl-Istat Membru li fih huma jkunu impjegati.

5. Il-Kummissjoni tista' tistieden lill-Frontex, lill-Europol, jew lil korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni li jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen biex jaħtru rappreżentant biex jieħu sehem bħala osservatur fi żjara fuq il-post dwar qasam kopert mill-mandat tagħhom.

6. L-esperti li jmexxu tim ta' fuq il-post għandhom ikunu rappreżentant tal-Kummissjoni u espert minn Stat Membru, li għandhom jinħatru b'mod konġunt mill-membri ta' dak it-tim mill-aktar fis possibbli wara li t-tim ikun ġie stabbilit. L-esperti li jmexxu għandhom jinħatru fi żmien debitu qabel ma jiġi stabbilit il-programm imsemmi fl-Artikolu 13(2).

*Artikolu 11*

**Timijiet responsabbli għal evalwazzjonijiet abbażi ta' kwestjonarju**

1. Fejn kwestjonarju jintuża b'mod indipendenti, jiġifieri mingħajr ma jkun segwit minn żjara fuq il-post kif imsemmi fl-Artikolu 4(2), it-tim responsabbli għall-evalwazzjoni tat-tweġibiet għall-kwestjonarju (it-"tim tal-kwestjonarju") għandu jikkonsisti minn esperti mill-Istati Membri u rappreżentanti tal-Kummissjoni.

2. Meta l-kwestjonarju jintbagħat lill-Istat Membru sabiex jiġi evalwat, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri biex jaħtru esperti li huma disponibbli biex jipparteċipaw fl-evalwazzjoni, u jindikaw il-qasam ta' kompetenza esperta tagħhom. L-Istati Membri għandhom jaħtru esperti fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċievu din l-istedina. L-esperti għandhom jinħatru f'konformità mal-Artikolu 10(3) u (4).

*Artikolu 12*

**Esperti**

L-esperti li jipparteċipaw fl-evalwazzjonijiet għandu jkollhom kwalifiki adegwati, inklużi konoxxenza teoretika solida u esperjenza prattika fl-oqsma koperti mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, flimkien ma' konoxxenza tajba tal-prinċipji ta' evalwazzjoni, proċeduri u tekniki, u għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw b'mod effettiv b'lingwa komuni. Għal dak il-għan, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, għandhom jiżguraw li l-esperti jirċievu taħriġ adatt, inkluż dak dwar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

*Artikolu 13*

**Kif isiru ż-żjarat fuq il-post**

1. It-timijiet ta' fuq il-post għandhom jagħmlu l-attivitajiet preparatorji kollha meħtieġa sabiex jiżguraw l-effiċjenza, l-akkuratezza u l-konsistenza taż-żjarat fuq il-post.

2. Il-programm dettaljat għal żjarat imħabbra fuq il-post għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti ewlenin u l-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri għandhom jiġu infurmati dwar dak il-programm. Il-programm dettaljat għal żjarat mhux imħabbra fuq il-post għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jiġi kkonsultat u nnotifikat dwar l-iskeda ta' żmien u l-programm dettaljat:

(a) mill-inqas sitt ġimgħat qabel id-data ta' żjara mħabbra fuq il-post;

(b) mill-inqas 24 siegħa qabel żjara mhux imħabbra fuq il-post.

Iż-żjarat fuq il-post mhux imħabbra li jsiru fil-fruntieri interni għandhom isiru mingħajr notifika minn qabel lill-Istat jew Stati Membri kkonċernati. Għandhom jiġu stabbiliti linji gwida ġenerali dwar l-arranġamenti prattiċi għal dawn iż-żjarat mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

3. Kull membru tat-tim ta' fuq il-post għandu jġorr identifikazzjoni li tawtorizzah biex jagħmel żjarat fuq il-post f'konformità ma' dan ir-Regolament.

4. L-Istat Membru li jkun ser jiġi evalwat għandu jiżgura li t-tim ta' fuq il-post ikun jista' jeżerċita l-mandat tiegħu biex jivverifika l-attivitajiet fl-oqsma li għandhom jiġu evalwati. Huwa għandu, b'mod partikolari, jiżgura li t-tim ta' fuq il-post jista' jindirizza direttament lill-persuni rilevanti u jkollu aċċess għall-oqsma, bini u dokumenti kollha meħtieġa għall-evalwazzjoni.

5. L-Istat Membru li jkun ser jiġi evalwat għandu, b'kull mezz fis-setgħat legali tiegħu, jassisti lit-tim ta' fuq il-post fit-twettiq tal-kompitu tiegħu.

6. Fil-każ ta' żjarat fuq il-post imħabbra, il-Kummissjoni għandha tipprovdi minn qabel l-ismijiet tal-esperti fit-tim ta' fuq il-post lill-Istat Membru li jkun ser jiġi evalwat. Dak l-Istat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt biex isiru l-arranġamenti prattiċi għaż-żjara fuq il-post.

7. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-arranġamenti tal-ivvjaġġar meħtieġa lejn u mill-Istat jew Stati Membri li jkunu ser jiġu evalwati għall-esperti rispettivi tagħhom li qed jipparteċipaw fit-tim ta' fuq il-post. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni għall-esperti li jkunu qed jieħdu sehem fiż-żjarat fuq il-post għandhom ikunu rifużi mill-Kummissjoni.

L-Istat jew Stati Membri li jkunu ser jiġu evalwati għandhom ikunu responsabbli biex jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa ta' akkomodazzjoni u biex jipprovdu t-trasport meħtieġ fuq il-post. Għal żjarat fuq il-post mhux imħabbra, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-arranġamenti tal-akkomodazzjoni għall-esperti.

*Artikolu 14*

**Rapporti ta' evalwazzjoni**

1. Għandu jitfassal rapport ta' evalwazzjoni wara kull evalwazzjoni. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-konklużjonijiet taż-żjara fuq il-post u l-kwestjonarju, kif xieraq. Fil-każ ta' żjara mħabbra fuq il-post, ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jitfassal mit-tim ta' fuq il-post matul iż-żjara.

L-esperti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jieħdu r-responsabbiltà sħiħa għall-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni u jiżguraw l-integrità u l-kwalità tiegħu. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, it-tim ta' fuq il-post jew it-tim tal-kwestjonarju, skont il-każ, għandu jagħmel ħiltu biex isib kompromess.

2. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu janalizza l-aspetti kwalitattivi, kwantitattivi, operattivi, amministrattivi u organizzattivi, kif xieraq, u għandu jelenka kwalunkwe nuqqas identifikat matul l-evalwazzjoni.

3. Għal kull konklużjoni fir-rapport ta' evalwazzjoni għandha tingħata waħda mill-valutazzjonijiet segwenti:

(a) konformi;

(b) konformi iżda meħtieġ titjib;

(ċ) mhux konformi.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni lill-Istat Membru evalwat fi żmien sitt ġimgħat miż-żjara fuq il-post jew mir-riċezzjoni tat-tweġiba għall-kwestjonarju, skont il-każ. L-Istat Membru evalwat għandu jipprovdi l-kummenti tiegħu dwar l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni fi żmien ġimagħtejn mir-riċezzjoni tiegħu. Għandha ssir laqgħa ta' abbozzar fuq it-talba tal-Istat Membru evalwat. Il-kummenti tal-Istat Membru evalwat jistgħu jiġu riflessi fl-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni.

5. L-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni u l-kummenti dwaru mill-Istat Membru evalwat għandhom jiġu ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Istati Membri oħrajn li għandhom jiġu mistiedna jikkummentaw dwar it-tweġiba għall-kwestjonarju, l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni u l-kummenti tal-Istat Membru evalwat.

Abbażi ta' dak, il-Kummissjoni, jekk meħtieġ wara li jkunu saru l-bidliet rilevanti għall-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni, għandha tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, r-rapport ta' evalwazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2). Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew.

*Artikolu 15*

**Rakkomandazzjonijiet**

1. Meta jabbozzaw ir-rapport ta' evalwazzjoni u fid-dawl tal-konklużjonijiet u l-valutazzjonijiet inklużi f'dak ir-rapport ta' evalwazzjoni, l-esperti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jabbozzaw rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju maħsuba biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas identifikat matul l-evalwazzjoni u jagħtu indikazzjoni tal-prijoritajiet għall-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll, fejn ikun il-każ, eżempji tal-aħjar prattika.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill biex jadotta r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Kunsill għandu jadotta r-rakkomandazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 u għandu jibgħathom lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali.

*Artikolu 16*

**Segwitu u monitoraġġ**

1. Fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15, l-Istat Membru evalwat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u l-Kunsill pjan ta' azzjoni biex jirrimedja kwalunkwe nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni. Jekk ir-rakkomandazzjonijiet jikkonkludu li l-Istat Membru evalwat qed jittraskura serjament l-obbligi tiegħu, dak l-Istat Membru għandu jipprovdi l-pjan ta' azzjoni tiegħu fi żmien xahar mill-adozzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat tali pjan ta' azzjoni lill-Parlament Ewropew.

2. Wara li tikkonsulta t-tim ta' fuq il-post jew it-tim tal-kwestjonarju, skont il-każ, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-valutazzjoni tagħha dwar l-adegwatezza tal-pjan ta' azzjoni lill-Kunsill fi żmien xahar minn meta tirċievi l-pjan ta' azzjoni mingħand l-Istat Membru evalwat. L-Istati Membri l-oħrajn għandhom ikunu mistiedna jikkummentaw fuq il-pjan ta' azzjoni.

3. L-Istat Membru evalwat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiegħu fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u minn hemm 'il quddiem ikompli jagħmel dan kull tliet xhur sakemm il-pjan ta' azzjoni jkun implimentat kollu kemm hu.

4. Minkejja l-perijodu ta' sitt xhur għar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni msemmi fil-paragrafu 3, jekk ir-rakkomandazzjonijiet jikkonkludu li l-Istat Membru evalwat ikun qed jittraskura serjament l-obbligi tiegħu, dak l-Istat Membru għandu jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiegħu fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

5. Skont il-gravità tan-nuqqasijiet identifikati u l-miżuri meħuda biex ikunu rrimedjati, il-Kummissjoni tista tippjana żjarat fuq il-post mill-ġdid imħabbra biex tiġi vverifikata l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tistieden mill-inqas erba' esperti li jkunu pparteċipaw fiż-żjara fuq il-post biex jipparteċipaw fiż-żjara mill-ġdid. Il-Kummissjoni tista' tistieden osservaturi sabiex jipparteċipaw fiż-żjara mill-ġdid fuq il-post. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-programm taż-żjara mill-ġdid. L-Istat Membru evalwat għandu jiġi nnotifikat dwar il-programm mill-inqas xahar qabel ma tkun ser issir iż-żjara mill-ġdid. Il-Kummissjoni tista' wkoll tiskeda żjarat mill-ġdid mhux imħabbra fuq il-post.

6. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni jew il-miżuri ta' titjib imsemmija f'dan l-Artikolu.

7. Jekk żjara fuq il-post tiżvela nuqqas serju li jkun meqjus li jikkostitwixxi theddida serja għall-politika pubblika jew is-sigurtà interna fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, il-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Parlament Ewropew jew ta' Stat Membru, għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru mill-aktar fis possibbli.

8. Fejn jinstab li l-Istat Membru huwa konformi, iżda fejn ir-rakkomandazzjonijiet fihom indikazzjonijiet għal titjib ulterjuri possibbli taħt l-Artikolu 14(3)(b), l-Istat Membru evalwat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-valutazzjoni tiegħu dwar implimentazzjoni possibbli ta' tali indikazzjonijiet fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

*Artikolu 17*

**Informazzjoni sensittiva**

Il-membri tat-timijiet ta' fuq il-post jew tat-timijiet tal-kwestjonarju għandhom iqisu kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-qadi ta' dmirijiethom bħala kunfidenzjali. Ir-rapporti ta' evalwazzjoni mfassla wara ż-żjarat fuq il-post għandhom jiġu kklassifikati bħala EU RESTRICTED/RESTREINT UE skont ir-regoli ta' sigurtà applikabbli. Il-klassifikazzjoni m'għandhiex teskludi li l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew. It-trasmissjoni u t-trattament tal-informazzjoni u dokumenti mibgħutin lill-Parlament Ewropew taħt dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mar-regoli dwar it-trasmissjoni u t-trattament ta' informazzjoni klassifikata li huma applikabbli bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Istat Membru kkonċernat, għandha tiddeċiedi liema parti tar-rapport ta' evalwazzjoni tista' ssir pubblika.

*Artikolu 18*

**Kondizzjonijiet ta' parteċipazzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda**

1. L-esperti tar-Renju Unit u tal-Irlanda għandhom jipparteċipaw biss fl-evalwazzjoni tal-parti tal-acquis ta' Schengen li fiha dawk l-Istati Membri ġew awtorizzati jipparteċipaw.

2. L-evalwazzjonijiet, kif deskritti fl-Artikolu 4(1), għandhom ikopru biss l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti mir-Renju Unit u l-Irlanda tal-parti tal-acquis ta' Schengen li fiha dawk l-Istati Membri ġew awtorizzati jipparteċipaw.

3. Ir-Renju Unit u l-Irlanda għandhom jieħdu sehem biss fl-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill, kif previst fl-Artikolu 15(3), fir-rigward tal-parti tal-acquis ta' Schengen li fiha dawk l-Istati Membri ġew awtorizzati jipparteċipaw.

*Artikolu 19*

**Informazzjoni għall-parlamenti nazzjonali**

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-parlamenti nazzjonali dwar il-kontenut u r-riżultati tal-evalwazzjoni li jsiru taħt dan ir-Regolament.

*Artikolu 20*

**L-irrappurtar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill**

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport komprensiv annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjonijiet li jsiru taħt dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jsir pubbliku u għandu jkun jinkludi l-informazzjoni dwar l-evalwazzjonijiet li jkunu saru matul is-sena preċedenti, dwar il-konklużjonijiet meħudin minn kull evalwazzjoni u dwar il-qagħda attwali fir-rigward ta' azzjoni ta' rimedju. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lill-parlamenti nazzjonali.

*Artikolu 21*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu jkun applikabbli t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 22*

**Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-operazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Kunsill fi żmien 6 xhur mill-adozzjoni tar-rapporti kollha fir-rigward tal-evalwazzjonijiet koperti mill-ewwel programm ta' evalwazzjoni pluriennali msemmi fl-Artikolu 5(5). Tali reviżjoni għandha tkopri l-elementi kollha ta' dan ir-Regolament, inkluż il-funzjonament tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' atti taħt il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew.

*Artikolu 23*

**Dispożizzjonijiet transizzjonali u tħassir**

Mingħajr preġudizzju għat-tieni u t-tielet paragrafi ta' dan l-Artikolu, id-Deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 1998 hija b'dan imħassra mis-26 ta' Novembru 2013.

Il-Parti I tad-Deċiżjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tkompli tapplika sal-1 ta' Jannar 2016 fir-rigward tal-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Stati Membri li jkunu diġà bdew fis-26 ta' Novembru 2013.

Il-Parti II tad-Deċiżjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tkompli tapplika sas-27 ta' Novembru 2014 fir-rigward tal-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Stati Membri li jkunu diġà bdew fis-26 ta' Novembru 2013.

*Artikolu 24*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-7 ta' Ottubru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BERNATONIS

**Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jilqgħu l-adozzjoni tar-Regolament li jemenda l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen sabiex jipprevedi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali u tar-Regolament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen. Huma jemmnu li dawn il-mekkaniżmi l-ġodda jindirizzaw b'mod adegwat is-sejħa tal-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2011 għal titjib fil-kooperazzjoni u l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fiż-żona Schengen u għal sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni effettiva u affidabbli sabiex jiġi żgurat l-infurzar ta' regoli komuni u t-tisħiħ, l-adattament u l-estensjoni tal-kriterji bbażati fuq l-acquis tal-UE, filwaqt li jfakkru li l-fruntieri esterni tal-Ewropa għandhom jiġu ġestiti b'mod effettiv u konsistenti, abbażi ta' responsabbiltà komuni, solidarjetà u kooperazzjoni prattika.

Huma jiddikjaraw li din l-emenda għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ser issaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni billi tipprevedi, min-naħa waħda, kriterji għal kwalunkwe introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri mill-Istati Membri, u min-naħa l-oħra mekkaniżmu bbażat fl-UE li jirrispondi għal sitwazzjonijiet verament kritiċi fejn il-funzjonament ġenerali taż-żona titqiegħed fir-riskju jekk ma jkunx hemm kontrolli fil-fruntieri.

Huma jissottolinjaw li din is-sistema l-ġdida ta' evalwazzjoni hija mekkaniżmu bbażat fl-UE u li ser tkopri l-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen u tinvolvi esperti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u aġenziji rilevanti tal-UE.

Huma jifhmu li kwalunkwe proposta futura mill-Kummissjoni biex tiġi emendata din is-sistema ta' evalwazzjoni tiġi ppreżentata għall-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew sabiex jittieħed kont tal-opinjoni tagħha, bl-aktar mod sħiħ possibbli, qabel l-adozzjoni ta' test finali.

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT